



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA  
TAL-UNJONI EWROPEA

---

# PANORAMA TAS-SENA

## RAPPORT ANNWALI 2020



“Il-Qorti tal-Ġustizzja  
tal-Unjoni Ewropea:  
garanti tal-ħarsien  
tad-dritt tal-Unjoni  
għal 450 miljun ċittadin”



# **Rapport annwali 2020**

## **Panorama tas-sena**

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija waħda mis-seba' istituzzjonijiet Ewropej.

Bħala l-istituzzjoni ġudizzjarja tal-Unjoni, hija għandha l-missjoni li tiggarrantixxi l-osservanza tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li tiżgura interpretazzjoni u applikazzjoni uniformi tat-Trattati kif ukoll filwaqt li tiżgura l-istħarriġ tal-legalità tal-atti adottati mill-istituzzjonijiet, mill-korpi u mill-organi tal-Unjoni.

L-istituzzjoni tikkontribwixxi sabiex jinżammu l-valuri tal-Unjoni u tagħti s-sehem tagħha fil-proġett Ewropew permezz tal-ġurisprudenza tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea hija komposta minn żewġ qrati: il-“Qorti tal-Ġustizzja” u l-“Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea”.

# Werrej

<b>Daħla tal-President</b> .....	5
<b>1 Is-sena 2020 mad-daqqa ta' għajn</b> .....	7
A   Sena f'irtratti .....	8
B   Sena f'ċifri .....	22
<b>2 L-attività għudizzjarja</b> .....	27
A   Harsa lura lejn is-sentenzi prinċipali tas-sena .....	28
B   Iċ-ċifri ewlenin tal-attività għudizzjarja .....	56
<b>3 Sena kkaratterizzata minn adattament u minn kontinwià fis-servizz pubbliku tal-għustizzja Ewropea</b> .....	63
A   Introduzzjoni mir-Reġistratur .....	64
B   Il-fażijiet tal-għestjoni tal-kriżi .....	69
C   Il-bilanċ tal-attività tal-Qorti tal-Għustizzja fi żminijiet ta' pandemija .....	72
Ħarsa Lejn   Is-seduti għas-sottomissjonijiet orali mill-bogħod .....	74
Ħarsa Lejn   Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku .....	76
Ħarsa Lejn   Il-kontribut tad-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu għall-kontinwià tal-funzjonament tal-istituzzjoni .....	80
Ħarsa Lejn   It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-isfida ppreżentata mill-pandemija .....	81
<b>4 Istituzzjoni li tirrispetta l-ambjent</b> .....	83
<b>5 Ħarsa lejn il-futur</b> .....	87
<b>6 Nibqgħu konnessi</b> .....	91



---

"

L-implimentazzjoni, fi żmien rekord, ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi ppermettiet il-funzjonament kemm jista' jkun normali tal-qrati u l-kontinwità tal-attività fis-servizz tal-ġustizzja Ewropea.

... minkejja d-diffikultajiet li kollha kemm aħna l-tqajna magħhom fil-ħajja personali u professjonali tagħna, nixtieq nenfasizza, b'ċerta kburija, li l-adattabbiltà u d-determinazzjoni murija mill-persunal b'mod kollettiv ippermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali jiżguraw trattament effettiv tal-kawżi u jggarantixxu l-kwalità tad-deċiżjonijiet tagħhom, fl-interess tal-individwi.

---

"

# Daħla tal-President

**Fl-Ewropa, bħal fil-bqija tad-dinja, is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata b'mod sinjifikattiv mill-pandemija tal-Covid-19, li qalbet ta' taħt fuq il-ħajja privata u soċjali tagħna, kif ukoll l-użanzi tax-xogħol tagħna. Bis-saħħa tal-pjanijiet ta' kriżi li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ħejjiet minn qabel, kif ukoll tal-kapaċità ta' adattament u tal-isforzi eżemplari murija mill-Membri u mill-persunal tal-istituzzjoni, din is-sitwazzjoni mhux mistennija setgħet tiġi ġestita b'mod effettiv.**

L-implimentazzjoni, fi żmien rekord, ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi innovattivi ppermettiet il-funzjonament kemm jista' jkun normali tal-qrati u l-kontinwità tal-attività fis-servizz tal-ġustizzja Ewropea.

L-istituzzjoni ħadet miżuri adegwati sabiex tipproteġi l-membri tal-persunal tagħha u sabiex tevita l-imxija tal-virus fi ħdanha, u sabiex tiżgura li l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu qrib il-kundizzjonijiet abitwali. Wara waqfa furzata tas-seduti bejn nofs Marzu u l-aħħar ta' Mejju, l-istituzzjoni rnexxielha tiggarrantixxi t-tkomplija tagħhom b'mod li jiżgura l-protezzjoni ta' dawk kollha li kienu meħtieġa jipparteċipaw fihom.

L-istatistika tas-sena tirrifletti, għalkemm b'mod limitat, il-konsegwenzi tal-kriżi sanitarja. Minħabba t-tnaqqis, fl-ewwel xhur tal-pandemija, fl-attività tal-qrati nazzjonali, in-numru ta' kawżi mressqa ma laħaqx il-livell rekord tal-2019, iżda baqa' f'livell qrib ħafna ta' dak tas-snin 2018 u 2017. Min-naħa tiegħu, in-numru ta' kawżi maqtugħa naqas bi fttit bis-saħħa tad-diversi miżuri introdotti bil-għan li jiġu rrimedjati l-impossibbiltà li jinżammu s-seduti matul perijodu ta' iktar minn xahrejn kif ukoll il-limitazzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti wara li reġgħu bdew jinżammu seduti. Huwa għalhekk notevoli li, minkejja l-kuntest ta' kriżi ta' din is-sena 2020, il-livell ta' attività taż-żewġ qrati kien simili għal dak tal-2017 u saħansitra superjuri għal dak tal-2016.

Fuq il-mertu, l-iktar ġurisprudenza sinjifikattiva tas-sena, li tingħata ħarsa lejha f'din il-Panorama, tinkludi numru ta' sentenzi importanti, b'mod partikolari fil-qasam tal-libertajiet fundamentali u tal-prinċipji stess ta' Stat tad-dritt. Dawn is-sentenzi huma xhieda tar-rwol fundamentali li għandhom il-qrati tal-Unjoni fi ħdan is-sistema istituzzjonali Ewropea u fir-rigward kemm tal-operaturi ekonomiċi kif ukoll taċ-ċittadini.

Is-sena 2020 kienet ikkaratterizzata minn avveniment ieħor: il-ħruġ effettiv, fil-31 ta' Jannar f'nofsillejl, tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, li ġab fi tmiemu destin komuni ta' iktar minn 47 sena. Għall-istituzzjoni, Brexit ġab miegħu t-tluq tal-Membri Brittaniċi tagħha, iżda ma affettwax is-sitwazzjoni tal-membri tal-persunal Brittaniċi fis-servizz tagħha.

F'dan il-mument, filwaqt li nanalizzaw il-bilanċ tas-sena 2020 u minkejja d-diffikultajiet li kollha kemm aħna ltqajna magħhom fil-ħajja personali u professjonali tagħna, nixtieq nenfasizza, b'ċerta kburiya, li l-adattabilità u d-determinazzjoni murija mill-persunal b'mod kollettiv ippermettew lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali jiżguraw trattament effettiv tal-kawżi u jiggarrantixxu l-kwalità tad-deċiżjonijiet tagħhom, fl-interess tal-individwi. Il-miżuri u l-passi implimentati sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat servew ukoll ta' esperjenza li minnha l-istituzzjoni ser tislet vantaġġi fil-futur, konformement mal-għan tagħha li ttejjeb b'mod kostanti s-servizz pubbliku tal-ġustizzja Ewropea.

**Koen Lenaerts**

President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea







1

---

# Is-sena 2020 mad-daqqa ta' għajn

A | Sena f'ritratti

B | Sena f'ċifri



---

**A | Sena f'ritratti**

---



## 13 TA' JANNAR



### Impenn solenni tal-Kummissjoni ta' von der Leyen

Matul seduta solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-President **Ursula von der Leyen** u **I-Membri I-ġodda tal-Kummissjoni Ewropea** jieħdu l-impenn solenni previst fit-Trattati, fil-preżenza tal-Altezza Rjali Tiegħu I-Gran Duka Henri de Luxembourg, tal-President tal-Kamra tad-Deputati tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Fernand Etgen, u tal-Prim Ministru tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Xavier Bettel. Fid-diskors tiegħu, Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja, fakkar li l-impenn solenni jirriżulta minn prassi ferm stabbilita u huwa simbolu tal-Unjoni ta' dritt li tikkostitwixxi l-Unjoni Ewropea.



## 17 TA' JANNAR



### Tressiq tal-kawżi *Junqueras i Vies et vs Il-Parlament*

Il-Qorti Ġenerali għandha taġti deċiżjoni, f'diversi kawżi marbuta mal-**elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal-2019**, dwar rikorsi ppreżentati minn persuni eletti, fosthom C. Puigdemont i Casamajó u O. Junqueras i Vies ([T-100/20](#), [T-115/20](#), [T-613/20](#)).



## 27 TA' JANNAR



### Laqgħa maċ-CCBE

Delegazzjoni tal-Conseil des barreaux européens (il-Kunsill tal-Kmamar tal-Avukati Ewropej, iċ-CCBE) tiltaqa' ma' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali għal skambju dwar kwistjonijiet ta' interess komuni marbuta, b'mod partikolari, **mal-aspetti proċedurali tal-funzjonament tal-qorti tal-Unjoni**. Iċ-CCBE jirrappreżenta l-kmamar tal-avukati ta' 45 pajjiż (jiġifieri iktar minn miljun avukat Ewoprew).



## 29 TA' JANNAR



### Installazzjoni fil-Qorti tal-Ġustizzja ta' skultura ta' Herodotus u ta' Thucydides

Il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' **skultura b'żewġ uçuħ** li jirrappreżentaw iż-żewġ storiċi Griegi Herodotus u Thucydides, li qegħdin iħarsu f'direzzjonijiet opposti. Ir-riproduzzjoni, tal-irħam, tal-mudell tal-bronz li jmur lura għall-aħħar tar-raba' seklu qabel Kristu, tagħmel parti mill-kollezzjoni Farnese u hija mislufa mill-Mużew Arkeoloġiku ta' Napoli. Herodotus huwa magħruf bħala l-ewwel storiku li bbaża ruħu fuq investigazzjoni fiżika u Thucydides bħala l-ewwel storiku li fassal ir-rendikonti storiċi tiegħu b'ċerta rigorożità, fuq il-bażi tar-raġuni.



## 31 TA' JANNAR



### Ir-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni Ewropea

47 sena wara l-adeżjoni tiegħu mal-Unjoni Ewropea, il-**ħruġ tar-Renju Unit** isir effettiv f'nofsillejl. Il-**Qorti tal-Ġustizzja tibqa' kompetenti** sabiex tisma' kull proċedura mressqa minn jew kontra r-Renju Unit u sabiex tagħti deċiżjoni preliminari fuq it-talbiet imressqa mill-qrati tar-Renju Unit qabel it-tmiem tal-perijodu tranżitorju fl-aħħar tal-2020.

## Frar



## 6 TA' FRAR



### Ċerimonja ta' tluq

Il-Qorti Ġenerali torganizza ċerimonja fl-okkażjoni tal-waqfien mill-kariga, b'konsegwenza tal-Brexit, ta' **Ian Stewart Forrester**, Imħallef mill-2015 sal-2020.



## 12 TA' FRAR



### Ċerimonja ta' tluq

Il-Qorti tal-Ġustizzja torganizza ċerimonja fl-okkażjoni tal-waqfien mill-kariga, b'konsegwenza tal-Brexit, ta' **Christopher Vajda**, Imħallef mill-2012 sal-2020.




## 13 TA' FRAR



### Teħid ta' ġurament minn żewġ Membri tal-Qorti tal-Awdituri u mill-Ombudsman Ewropea

Matul udjenza solenni, il-Qorti tal-Ġustizzja tisma' l-ġurament solenni meħud minn **François-Roger Cazala** (Franza) u **Joëlle Elvinger** (il-Lussemburgu), Membri ġodda tal-Qorti tal-Awdituri, u minn **Emily O'Reilly** (l-Irlanda), l-Ombudsman Ewropea, fl-okkażjoni tat-tiġdid tagħha fil-kariga, li jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'indipendenza sħiħa, fl-interess ġenerali tal-Unjoni.

## Marzu



## 16 TA' MARZU



### Mill-bogħod... iżda dejjem flimkien

Sabiex tikkontribwixxi għall-ġlieda kontra l-imxija tal-pandemija tal-Covid-19 u sabiex tiproteġi lill-membri tal-persunal tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja timplimenta **x-xogħol mill-bogħod b'mod ġeneralizzat**. Bl-eċċezzjoni tal-persuni meħtieġa jeżerċitaw funzjonijiet kritiċi, il-bini tal-Istituzzjoni jsir inaċċessibbli għall-membri tal-persunal u għall-viżitaturi.



## 16 TA' MARZU



### Tressiq tal-kawża *Lufthansa* quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tintalab tivverifika jekk id-Direttiva dwar l-użu **tad-data personali tal-passiġġieri tal-ajru inkluża fil-fajls tal-passiġġieri (PNR)** għall-prevenzjoni u għall-iskoperta b'mod partikolari ta' reati terroristiċi hijjex kompatibbli mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([C-148/20](#), [C-149/20](#) u [C-150/20](#)).



## 23 TA' MARZU



### Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid

**Jean Richard de la Tour** (Franza) jinħatar Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, minflok Yves Bot. Fid-dawl tal-kriżi sanitarja, it-teħid tal-ġurament jinżamm mill-bogħod, permezz ta' vidjokonferenza, fil-preżenza tal-President, tal-Avukat Ġenerali Ewlieni u tar-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja.



## 24 TA' MARZU



### Tressiq tal-kawża *Tartu Agro vs Il-Kummissjoni* quddiem il-Qorti Ġenerali

Il-kumpannija agroalimentari Estonjana Tartu Agro tipprova tikseb l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonkludi li l-Istat Estonjan kien implimenta **għajnuma mill-Istat** illegali billi ta b'kera lil din il-kumpannija artijiet agrikoli, bi ħlas ta' kera inqas mill-prezz tas-suq. B'mod parallel, digriet ta' miżuri provviżorji **jissospendi l-ħlas lura tal-ammont minħabba l-kriżi sanitarja marbuta mal-Covid-19**. Il-kumpannija tinvoka l-konsegwenzi finanzjarji tal-pandemija u r-riskju, fil-każ li tħallas lura l-ammont, li jkollha twaqqaf l-attività tagħha, b'konsegwenzi għas-sigurtà tal-ikel tal-Istat Membru ([T-150/20](#)).



## 26 TA' MARZU



### L-ewwel sentenzi mogħtija taħt lockdown

B'effett minn din id-data, minħabba l-kriżi sanitarji, l-għoti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali u l-qari tal-konklużjonijiet tal-Avukati Ġenerali jkunu s-suġġett ta' **seduta waħda** fil-ġimgħa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

## April



## 2 TA' APRIL



### Sentenza fil-kawża *Coty Germany vs Amazon*

Is-sempliċi **ħażna f'Amazon-Marketplace** ta' prodotti li jippreġudikaw dritt tat-trade mark ma tikkostitwixx ksur minn Amazon tad-dritt tat-trade mark ([C-567/18](#)).

→ ([ara l-p. 51](#))



## 23 TA' APRIL



### Sentenza fil-kawża *NH vs Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI*

Id-**dikjarazzjonijiet omofobiċi** magħmula minn persuna li għandha influwenza determinanti fuq il-politika ta' reklutaġġ ta' persuna li timpjega jikkostitwixxu diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol. Assoċjazzjoni tista' tiftaħ kawża għad-danni, u dan anki jekk ma tkun tista' tiġi identifikata ebda persuna li tkun ġarrbet dannu ([C-507/18](#)).

→ ([ara l-p. 28](#))

## Mejju



### 1 TA' MEJJU



#### Tressiq tal-kawża *Ryanair vs Il-Kummissjoni* quddiem il-Qorti Ġenerali

L-ewwel rikors, minn sensiela twila, ippreżentat mill-kumpanija Ryanair kontra deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li japprovaw l-**għajnuna mogħtija** minn diversi Stati Membri lil ċerti kumpaniji tal-ajru **fil-kuntest tal-pandemija tal-Covid-19** ([T-238/20](#)).



### 9 TA' MEJJU



#### Jum l-Ewropa fuq in-networks soċjali

Fl-okkażjoni tal-anniversarju tad-“dikjarazzjoni Schuman”, **il-Qorti tiċċelebra, b’mod virtwali, Jum l-Ewropa** bis-saħħa tan-networks soċjali, permezz tal-**pjattaformi Twitter u LinkedIn**. Il-Qorti tal-Ġustizzja twieġeb għall-mistoqsijiet taċ-ċittadini u tistedinhom, sabiex jifhmu aħjar l-attivitajiet tagħha, jaraw il-[videos li jispjegaw ir-rwol tagħha u l-ġurisprudenza tagħha fis-sit YouTube](#).



### 25 TA' MEJJU



#### Ftuħ mill-ġdid tal-awli

Is-seduti għas-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jergġu jibded. Parti mill-membri tal-persunal jergġu lura fil-bini tal-istituzzjonijiet sabiex **ikunu jistgħu jwettqu kompiti li ma setgħux isiru mill-bogħod**. L-iktar miżuri sanitarji stretti jiżguraw l-iżvolġiment tajjeb tas-seduti.





## 25 TA' MEJJU



### L-ewwel seduta tal-Qorti tal-Ġustizzja b'vidjokonferenza

Il-Qorti tal-Ġustizzja żżomm l-ewwel seduta tagħha **ma' partijiet li jagħmlu intervent mill-bogħod** permezz ta' vidjokonferenza.

## Ġunju



## 24 TA' ĠUNJU



### Tressiq tal-kawża *Il-Kummissjoni vs Spanja* quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat kontra Spanja, li d-dispożizzjonijiet tagħha dwar is-sistema legali tar-**responsabbiltà tal-Istat għal ksur tad-dritt tal-Unjoni** jiksru, skont il-Kummissjoni, il-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività ([C-278/20](#)).



## 30 TA' ĠUNJU



### L-ewwel seduta tal-Qorti Ġenerali b'vidjokonferenza

Il-Qorti Ġenerali żżomm l-ewwel seduta tagħha **ma' partijiet li jagħmlu intervent mill-bogħod** permezz ta' vidjokonferenza.

Lulju



15 TA' LULJU



### Tressiq ta' kawża ġdida *Facebook vs Ireland* quddiem il- Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddetermina jekk assoċjazzjonijiet għall-protezzjoni tal-konsumaturi humiex awtorizzati jifitxu kawża fir-rigward ta' **ksur tar-regoli fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali** min-naħa ta' pjattaformi bħal **Facebook** ([C-319/20](#)).



22 TA' LULJU



### Tressiq tal-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Awstrija* quddiem il- Qorti tal-Ġustizzja

Permezz ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni tikkontesta **l-mekkaniżmu ta' aġġustament fir-rigward tal-allowances tal-familja** applikat mill-Awstrija fir-rigward taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jaħdmu fl-Awstrija u li uliedhom jgħixu fi Stat Membru ieħor fejn l-għoli tal-ħajja huwa meqjus li huwa inqas ([C-328/20](#)).

Awwissu



6 TA' AWWISSU



### Seduta fil-kawża *XC*

Fis-16 ta' Lulju 2020 tinżamm seduta għas-sottomissjonijiet orali fi proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari dwar **id-diversi mandati ta' arrest Ewropej maħruġa minn Stat Membru kontra l-istess persuna**. Il-konklużjonijiet ġew ippreżentati fis-6 ta' Awwissu u s-sentenza ser tingħata fl-24 ta' Settembru, jgigifieri erba' xhur u nofs mit-tressiq tal-kawża ([C-195/20 PPU XC](#)).



## 14 TA' AWWISSU



### Tressiq tal-kawża *Daimler AG vs Il-Kummissjoni* quddiem il-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali għandha tiddeċiedi dwar id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kalkolu provviżorju tal-emissjonijiet speċifiċi medji ta' CO<sub>2</sub> u dwar il-miri ta' emissjonijiet speċifiċi tal-manifatturi ta' vetturi u ta' vetturi kummerċjali ħfief għas-sena 2018 ([T-509/20](#)).

## Settembru



## 10 TA' SETTEMBRU



### Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid fil-Qorti tal-Ġustizzja

**Athanasios Rantos** (il-Greċja), maħtur Avukat Ġenerali minflok l-Avukata Ġenerali Eleanor Sharpston (ir-Renju Unit) jieħu l-ġurament tiegħu f'seduta pubblika tal-Qorti tal-Ġustizzja.



## 25 TA' SETTEMBRU




### Tressiq tal-kawża *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda et* quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2020 (Kawżi magħquda T-778/16 u T-892/16) li kienet annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-għajjnuna mill-Istat ("**ruling**" **fiskali**) mogħtija mill-Irlanda favur il-kumpannija **Apple** ([C-465/20](#)).



## Ottubru



### 28 TA' SETTEMBRU



#### Impenn solenni mill-Membri tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Sabiex jitfakkar b'mod solenni l-bidu uffiċjali tal-attivitajiet tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, tinżamm seduta inawgurati fil-Qorti tal-Ġustizzja. Il-Kap tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, **Laura Codruța Kővesi** (ir-Rumanija), u l-**prosekuturi pubbliċi Ewropej maħtura mill-Istati Membri** jieħdu l-impenn solenni tagħhom li josservaw l-obbligi marbuta mal-funzjonijiet tagħhom.

### 6 TA' OTTUBRU



#### Dħul fil-kariga ta' żewġ Imħallfin ġodda fil-Qorti tal-Ġustizzja

Tinżamm udjenza solenni fl-okkażjoni tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-Imħallfin **Ineta Ziemele** (il-Latvja), minflok Egils Levits, u **Jan Passer** (ir-Repubblika Ċeka), minflok Jiří Malenovský.

### 19 TA' OTTUBRU



#### Żjara uffiċjali fil-Ġermanja

Delegazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tmur Karlsruhe (il-Ġermanja) fil-kuntest ta' żjara uffiċjali, fuq stedina tal-**Bundesverfassungsgericht** (il-Qorti Kostituzzjoni Federali).



## 23 TA' OTTUBRU



### Tressiq tal-kawża *Il-Litwanja vs Il-Kunsill u Il-Parlament* quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

L-ewwel wieħed minn sensiela ta' rikorsi ppreżentati min-numru ta' Stati Membri kontra diversi dispożizzjonijiet ta' testi regolamentari li jikkostitwixxu l-**"Pakkett dwar il-mobbiltà"**, marbut mar-riforma fis-settur tat-trasport bit-triq ([C-541/20](#)).



## 24 TA' OTTUBRU



### Il-Jum Ewropew tal-Ġustizzja

Dan il-jum ilu jiġi organizzat mill-2003 sabiex **iċ-ċittadini Ewropej ikunu jistgħu jifhmu aħjar id-drittijiet tagħhom u jkunu jistgħu jiġu informati dwar il-funzjonament tas-sistemi ġudizzjarji** (ġustizzja, medjazzjoni, eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji, eċċ.) u sabiex tkun iktar aċċessibbli l-ġustizzja. Għall-edizzjoni tas-sena 2020, il-Kunsill tal-Ewropa organizza u inkoraġġixxa sensiela ta' avvenimenti virtwali. Il-Qorti tal-Ġustizzja tipparteċipa billi tinforma liċ-ċittadini dwar il-karatteristiċi prinċipali tal-funzjonament tagħha kif ukoll dwar il-kontribuzzjonijiet tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari għall-ħajja ta' kuljum tagħhom, fuq in-networks soċjali permezz tal-pjattaformi Twitter u LinkedIn.



## 30 TA' OTTUBRU



### Iż-żewġ kontijiet fuq Twitter tal-Qorti tal-Ġustizzja jaqbz u l-100 000 segwaċi

Il-Qorti tal-Ġustizzja ilha preżenti fuq Twitter sa mill-2013, permezz ta' żewġ kontijiet, wieħed bil-Franċiż u l-ieħor bil-Ingliż, bil-għan li tikkomunika b'ħeffa u fil-qosor il-parti essenzjali tal-informazzjoni **dwar il-proċeduri, is-sentenzi u l-konklużjonijiet importanti u dwar l-avvenimenti li jikkonċernaw l-istituzzjoni**. Din is-sena ż-żewġ kontijiet laħqu iktar minn 100 000 segwaċi (imqabbla ma' 81 552 fl-2019).

## Novembru



### 18 TA' NOVEMBRU



#### Sentenza fil-kawża *Lietuvos geležinkeliai vs Il-Kummissjoni*

Il-Qorti Ġenerali tikkonferma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata **abbuż minn pożizzjoni dominanti min-naħa tal-kumpannija ferrovjarja nazzjonali tal-Litwanja** fis-suq Litwanjan tal-ġarr tal-merkanzija bil-ferrovija ([T-814/17](#)).

→ ([ara l-p. 47](#))

## Diċembru



### 2 TA' DIĊEMBRU



#### Tressiq ta' talba għal opinjoni

Il-Belġju jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti opinjoni dwar il-kompatibbiltà tal-**abbozz ta' Trattat dwar il-Karta tal-Enerġija mmodernizzata** mat-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fil-qasam tas-soluzzjoni tat-tilwim ([Opinjoni 1/20](#)).



### 4 TA' DIĊEMBRU



#### It-68 anniversarju mill-ħolqien tal-Qorti tal-Ġustizzja

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiċċelebra l-avveniment **fuq in-networks soċjali**, permezz tal-pjattaformi Twitter u LinkedIn, billi tipproponi liċ-ċittadini ħarsa lura lejn is-sentenzi prinċipali mogħtija fl-2020.



## 16 TA' DIĊEMBRU



### Sentenza fil-kawża *International Skating Union vs Il-Kummissjoni*

Ir-regoli tal-Unjoni Internazzjonali tal-Pattinaġġ (UIP) li jipprevedu sanzjonijiet severi kontra l-atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet ta' pattinaġġ veloċi mhux irrikonoxxuti minnha **jmorru kontra r-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-kompetizzjoni (T-93/18)**.

→ [\(ara l-p. 47\)](#)




## 17 TA' DIĊEMBRU



### Sentenza fil-kawża *Centraal Israëlitisch Consistorie van België et*

Sabiex jippromwovu l-benesseri tal-annimali fil-kuntest tal-qtil ritwali, l-Istati Membri jistgħu, mingħajr ma jiksru d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta, jimponu **li l-annimal jiġi stordut minn qabel b'mod reversibbli** li ma jistax jikkawża l-mewt tal-annimal **(C-336/19)**.

→ [\(ara l-p. 29\)](#)




## 22 TA' DIĊEMBRU



### Rapport tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali

Fil-kuntest tal-monitoraġġ tal-**implimentazzjoni tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreżenta r-rapport tagħha** dwar il-funzjonament tal-Qorti Ġenerali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni. Ir-rapport jiffoka fuq l-effiċjenza tal-Qorti Ġenerali, in-neċessità u l-effettività taż-żieda għal 54 Imħallef, fuq l-aħjar użu u l-effettività tar-riżorsi, u fuq it-tkomplija tal-ħolqien ta' awli speċjalizzati.

## B | Sena f'ċifri



Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea rnexxiha żżomm, fl-2020, livell ta' attività għoli f'kuntest ikkaratterizzat mix-xogħol mid-dar u minn restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li għamilha impossibbli li jinżammu seduti bejn is-16 ta' Marzu u l-25 ta' Mejju 2020. Minn wara din id-data, u b'osservanza ta' miżuri sanitarji stretti, l-awli reġġu fetħu l-bibien tagħhom għar-rappreżentanti tal-partijiet u għall-pubbliku, fl-interess ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u konformement mal-prinċipju ta' seduti miftuħa għall-pubbliku.


Madankollu, il-miżuri ta' lockdown u r-restrizzjonijiet intiżi sabiex titwaqqaf il-pandemija li ġew adottati mill-parti l-kbira tal-Istati Membri kellhom inevitabbilment ċertu impatt fuq l-attività soċjali u ekonomika u fuq l-attività tal-qrati tal-Istati Membri, bil-konsegwenza li kien hemm tnaqqis fin-numru ta' kawżi mressqa. **B'1 582 kawża mressqa globalment quddiem iż-żewġ qrati tal-Unjoni**, dan in-numru huwa inqas min-numru rekord tas-sena preċedenti (1 905), iżda huwa qrib in-numru tas-sena 2018 (1 683) u tas-sena 2017 (1 656).

Xejra simili tista' tiġi osservata fir-rigward tal-**kawżi magħluqa**. In-numru tagħhom kien ta' **1 540**, li huwa inqas minn dak tal-2019 u mir-rekord tal-2018, iżda jirrappreżenta livell ta' attività ekwivalenti għal dak tal-2017 u huwa saħansitra oġġla minn dak tal-2016. Sabiex jiġi evalwat sewwa, dan ir-riżultat għandu jitqies fid-dawl tal-fatt li iż-żewġ qrati ma setgħux iżommu seduti għal iktar minn xahrejn matul is-sena 2020.

Fl-aħħar nett, **it-tul medju tal-proċeduri fil-kawżi magħluqa quddiem iż-żewġ qrati kien ta' 15.4 xhur, l-iktar livell baxx li qatt intlaħaq**. Dan huwa xhieda tat-tfittxija kontinwa sabiex jintlaħaq l-għan li tittejjeb l-effettività fil-ġestjoni tal-proċeduri.



## L-istituzzjoni fl-2020




**81**  
**IMĦALLEF**




**11**-IL  
**AVUKAT**  
**ĠENERALI**

minn  
**27**  
Stat Membru




**2 235**  
uffiċjali u membri oħra tal-  
persunal



**61 %**      **39 %**

**1 359** nisa  
**876** irġiel



**BAĠĠIT 2020**

EUR **437**  
MILJUN

**Ir-rappreżentanza tan-nisa f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà fi ħdan l-amministrazzjoni tqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-medja oġhla tal-istituzzjonijiet Ewropej.**

In-nisa jokkupaw

**54 %** tal-pożizzjonijiet ta' amministratur

**41 %** tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija (intermedji u superjuri)

## Is-sena ġudizzjarja (qrati kollha inklużi)



**1 582**

kawża mressqa



**1 540**

kawża magħluqa



**2 542**

kawża pendenti

**159 110**

atti proċedurali  
rreġistrati fir-reġistru  
miżmum mir-Reġistri

Tul medju tal-proċeduri

**15.4** xhur

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

**15.4** xhur

**Il-Qorti Ġenerali**

**15.4** xhur

**Perċentwali tal-  
atti proċedurali  
ppreżentati permezz  
ta' e-Curia**

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

**79 %**

**Il-Qorti Ġenerali**

**95 %**

**kontijiet ta' aċċess għal  
e-Curia**

**7 378**

(jiġifieri żieda ta' 12 % meta  
mqabbel mal-2019)

**2 568**

komunikazzjoni ġudizzjarja  
ppubblikata f'Il-Ġurnal  
Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea



e-Curia hija applikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija tippermetti lir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali, kif ukoll lill-qrati nazzjonali fil-kuntest tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, li jiskambjaw l-atti proċedurali mar-Reġistri b'mezzi esklużivament elettroniċi.



e-Curia: l-applikazzjoni tal-IT li tippermetti l-iskambju ta' dokumenti ġudizzjarji

**[Ara l-video fuq YouTube](#)**

## Id-dipartimenti lingwistiċi

Il-Qorti tal-Ġustizzja, bħala istituzzjoni ġudizzjarja multilingwi, għandha tkun tista' tittratta kawża tkun xi tkun il-lingwa uffiċjali tal-Unjoni li fiha tkun tressqet. Hija mbagħad tippubblika l-ġurisprudenza tagħha fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.



**24**

lingwa tal-kawża  
potenzjali,  
jew

**552**

kombinazzjoni  
lingwistika  
possibbli

**Volum ta' xogħol**  
(paġni għat-traduzzjoni)  
**1 145 000** paġna

**Paġni prodotti** mid-dipartiment tat-  
traduzzjoni legali

**1 170 000**  
paġna

Riżultat tal-miżuri ta' ffrankar adottati  
mill-qrati sabiex jitnaqqas il-bżonn ta' traduzzjoni

**480 000**  
paġna



**70**

interpretu għas-seduti  
għas-sottomissjonijiet orali  
u għal-laqgħat

**445**

seduta u laqgħa kellhom  
interpretazzjoni simultanja

**601**

ġurista  
lingwista sabiex jitraduċu  
d-dokumenti miktuba

Fil-Qorti tal-Ġustizzja, it-traduzzjonijiet jitwettqu skont sistema lingwistika obbligatorja, li ttiprovdi għall-kombinazzjonijiet kollha tal-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Id-dokumenti li għandhom jiġu tradotti huma kollha testi legali tekniċi ħafna. Huwa għalhekk li d-dipartiment lingwistiku tal-Qorti tal-Ġustizzja jimpjega biss **ġuristi lingwisti** li jkollhom taħriġ legali sħiħ, kif ukoll għarfien profund ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali minbarra l-ilsien matern tagħhom.





# 2

---

## L-attività ġudizzjarja

A | **Ħarsa lura lejn is-sentenzi prinċipali  
tas-sena**

B | **Iċ-ċifri ewlenin tal-attività ġudizzjarja**

## A | Harsa lura lejn is-sentenzi principali tas-sena

### Unjoni bbażata fuq il-valur tal-persuna umana u fuq l-Istat tad-dritt



Għalfejn teżisti l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea?

[Ara l-video fuq YouTube](#)



Matul is-sena 2020 fakkarna l-20 anniversarju mill-proklamazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta) li, b'hat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, tagħmel riferiment espliċitu għall-Istat tad-dritt, wieħed mill-valuri komuni għall-Istati Membri tal-Unjoni li fuqhom hija bbażata din tal-aħħar.

Il-Karta tistabbilixxi, fost oħrajn, id-dinjità, il-libertà u l-ugwaljanza quddiem il-liġi tal-individwi kollha bħala persuni umani, ħaddiema, ċittadini jew partijiet fi proċedura ġudizzjarja. L-54 artikolu tal-Karta jirriflettu l-iżvilupp minn Ewropa ta' Komunitajiet iffokati fuq interessi ekonomiċi għal Ewropa tal-Unjoni bbażata fuq il-valur tal-persuna umana.

Fl-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tat interpretazzjoni, f'diversi okkażjonijiet, tal-Karta u tal-prinċipju ta' Stat tad-dritt, filwaqt li ħadet rwol determinanti fil-protezzjoni tal-libertajiet fundamentali, fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet u fl-implimentazzjoni ta' ġustizzja ekwa.

F'kawża għal deċiżjoni preliminari mressqa minn qorti Taljana, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva dwar l-ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol. Din id-direttiva timplimenta, f'dan il-qasam, il-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fil-Karta. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **d-diskriminazzjonijiet omofobiċi jikkostitwixxu diskriminazzjoni fil-qasam tal-impjeg u tax-xogħol** meta dawn isiru minn persuna li tista' tiġi pperċepita bħala li għandha influwenza determinanti fuq il-politika ta' reklutaġġ ta' persuna li timpjega. Id-dritt nazzjonali jista' jipprevedi li assoċjazzjoni tista' tiftaħ kawża għad-danni, u dan anki jekk ma tkun tista' tiġi identifikata ebda persuna li tkun ġarrbet dannu.

→ [Sentenza Associazione Avvocatura per i diritti LGBTI tat-23 ta' April 2020, C-507/18](#)



Leġiżlazzjoni tar-Reġjun ta' Vlaanderen (il-Belġju) kellha l-effett li tagħmel obligatorju, f'dan ir-reġjun, l-**isturdament minn qabel tal-annimali meta jiġu biex jinqatlu**. Dan kien jaffettwa l-qtil ritwali u għalhekk assoċjazzjonijiet Lhud u Musulmani pprovaw jiksbu l-annullament ta' din il-leġiżlazzjoni. Fuq domanda preliminari magħmula minn qorti Belġjana, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni, li ma tipprekludix sturdament reversibbli li ma jkunx jista' jirriżulta fil-mewt tal-annimal, u li ma tostakolax it-tqegħid fiċ-ċirkolazzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li nqatlu b'mod ritwali barra mir-Reġjun ta' Vlaanderen, tiżgura bilanċ ġust bejn il-libertà tar-reliġjoni, iggarantita mill-Karta, u l-benesseri tal-annimali, irrikonoxxut fit-Trattat FUE (ara t-taqsima «Il-protezzjoni tal-konsumaturi»).

→ [Sentenza \*Centraal Israëlitisch Consistorie van België et tas-17 ta' Diċembru 2020, C-336/19\*](#)

Fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-**restrizzjonijiet imposti mill-Ungerija fuq il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet ċivili minn persuni stabbiliti barra minn dan l-Istat Membru** ma humiex konformi mad-dritt tal-Unjoni. B'mod partikolari, dawn ir-restrizzjonijiet imorru kontra l-obbligi li għandhom l-Istati Membri mhux biss fir-rigward tal-libertà ta' moviment tal-kapital stabbilita fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea iżda wkoll fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Karta dwar il-**libertà ta' assoċjazzjoni, kif ukoll kontra d-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja u għall-protezzjoni tad-data personali** (ara t-taqsima «Il-protezzjoni tad-data personali»).

→ [Sentenza \*Il-Kummissjoni vs L-Ungerija \(Trasparenza assoċjattiva\) tat-18 ta' Ġunju 2020, C-78/18\*](#)

F'rikors ieħor għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li jikkonċerna lill-Ungerija, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat, fid-dawl tal-Karta, il-**liġi nazzjonali dwar l-edukazzjoni oġhla**. Din il-liġi kienet tissuġġetta l-eżerċizzju, fl-Ungerija, ta' attivitajiet ta' taħriġ li twassal għal diploma mill-**istabbilimenti ta' edukazzjoni oġhla li jinsabu barra miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)** għall-eżistenza ta' konvenzjoni internazzjonali li torbot lill-Ungerija mal-Istat terz li fih għandu s-sede tiegħu l-istabbiliment ikkonċernat u għat-twettiq, minn dan l-istabbiliment, ta' attivitajiet ta' edukazzjoni fl-Istat Membru ta' oriġini tiegħu. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li tali kundizzjonijiet **imorru kontra l-libertà akkademika, il-libertà li jinħolqu stabbilimenti ta' edukazzjoni oġhla u l-libertà ta' intrapriża**.

→ [Sentenza \*Il-Kummissjoni vs L-Ungerija \(Edukazzjoni oġhla\) tas-6 ta' Ottubru 2020, C-66/18\*](#)

Proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kienet tikkonċerna l-**prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament bejn ċittadini nazzjonali u ċittadini taż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)**. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li l-Karta tapplika meta Stat Membru (f'dan il-każ il-Kroazja) ikollu jagħti deċiżjoni dwar talba għal estradizzjoni mressqa minn Stat terz (f'dan il-każ ir-Russja) fir-rigward ta' **ċittadin ta' Stat terz ieħor li huwa Membru tal-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles u Parti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE (l-Islanda)**. Għaldaqstant, l-Istat Membru li jkun irċieva t-talba għal estradizzjoni għandu jivverifika li ċ-ċittadin ikkonċernat **ma huwiex ser ikun suġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti fl-Istat terz li jkun ressaq it-talba għal estradizzjoni**.

→ [Sentenza \*Ruska Federacija tat-2 ta' April 2020, C-897/19 PPU\*](#)



Fil-kuntest ta' żewġ proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari li jikkonċernaw in-nuqqasijiet sistemiċi jew ġeneralizzati fir-rigward tal-indipendenza tal-poter ġudizzjarju fil-Polonja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **I-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn awtorità ġudizzjarja Pollakka tista' tiġi rrifjutata biss jekk**, fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata, tan-natura tar-reat inkwistjoni u tal-kuntest fattwali tal-ħruġ ta' dan il-mandat ta' arrest, ikun hemm raġunijiet serji u vverifikati sabiex wieħed jemmen li din il-persuna, ladarba kkonsejnta lill-awtoritajiet Pollakki, tkun ser tiġi esposta għal **riskju reali ta' ksur tad-dritt għal smiġh xieraq tagħha, li huwa ggarantit mill-Karta.**

→ *Sentenza Openbaar Ministerie et tas-17 ta' Diċembru 2020, C-354/20 PPU u C-412/20 PPU*

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat inammissibbli żewġ talbiet għal deċiżjoni preliminari dwar il-leġiżlazzjoni Pollakka tal-2017 dwar il-proċeduri dixxiplinari fir-rigward tal-imħallfin. Hija madankollu enfasizzat li **I-fatt li I-imħallfin nazzjonali kienu għamlu domandi preliminari li jirriżultaw li huma inammissibbli ma jiġġustifikax li jinfetħu proċeduri dixxiplinari fil-konfront tagħhom.** Hija fakkret li **ma jistax jiġi aċċettat li dispożizzjonijiet nazzjonali jesponu lill-imħallfin nazzjonali għal proċeduri dixxiplinari minħabba I-fatt li jkunu għamlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.** Fil-fatt, l-assenza ta' riskju li jkunu esposti għal proċeduri jew għal sanzjonijiet dixxiplinari għal din ir-raġuni tikkostitwixxi garanzija inerenti għall-indipendenza tal-poter ġudizzjarju.

→ *Sentenza Miasto Łowicz u Prokurator Generalny tas-26 ta' Marzu 2020, C-558/18 u C-563/18*







## Politika ta' ażil

L-intensifikazzjoni tal-flussi migratorji u l-kumplessità tal-ġestjoni tal-akkoljenza ta' migranti wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni ta' ċerti Stati Membri li jirregolaw il-proċeduri ta' ażil mad-dispożizzjonijiet ta' protezzjoni previsti fid-dritt tal-Unjoni. Il-Karta, id-Direttiva dwar il-proċeduri, id-Direttiva dwar l-akkoljenza, id-Direttiva dwar ir-ritorn kif ukoll ir-Regolament Dublin III jimponu ċertu numru ta' obbligi fuq l-Istati Membri bħal, pereżempju, il-garanzija ta' aċċess effettiv għall-proċedura ta' ażil.

Matul is-sena 2020, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tipprovdi risposti konkreti għad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet li fihom tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni applikabbli, filwaqt li tikkonċilja d-dritt tal-ażil u l-protezzjoni tal-ordni pubbliku u l-interessi leġittimi tal-Istati Membri.

.....

Fuq domanda magħmula minn qorti Ungeriża fil-kuntest ta' proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li t-tqegħid fiż-**żona ta' tranżitu ta' Röszke, fuq il-fruntiera bejn is-Serbja u l-Ungerija**, tal-applikanti għal ażil jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' ritorn kellha tiġi kklassifikata bħala detenzjoni. Jekk, fi tmiem l-istħarriġ ġudizzjarju tar-regolarità ta' tali detenzjoni, jiġi stabbilit li l-persuni **nżammu taħt detenzjoni mingħajr raġuni valida, il-qorti adita għandha tillibera lil dawn il-persuni b'effett immedjat** jew eventwalment tadotta miżura alternattiva għad-detenzjoni.

➔ **Sentenza FMS et tal-14 ta' Mejju 2020, C-924/19 PPU u C-925/19 PPU**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-**Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha** li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-proċeduri dwar l-ġhoti ta' protezzjoni internazzjonali u fil-qasam tar-ritorn taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu irregolarment. B'mod partikolari, **il-limitazzjoni tal-aċċess għall-proċedura ta' protezzjoni internazzjonali, id-detenzjoni irregolari tal-applikanti** għal din il-protezzjoni f'żoni ta' tranżitu kif ukoll **it-trasferiment lejn żona mal-fruntiera** ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin jirrisjedu irregolarment, **mingħajr ma jiġu osservati l-garanziji** marbuta ma' proċedura ta' ritorn, jikkostitwixxu ksur tad-dritt tal-Unjoni.

→ [Sentenza II-Kummissjoni vs L-Ungerija tas-17 ta' Diċembru 2020, C-808/18](#)

Fil-kuntest ta' tliet rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati mill-Kummissjoni kontra **I-Polonja, I-Ungerija u r-Repubblika Ċeka**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, **billi rrifjutaw li jikkonformaw mal-mekkaniżmu temporanju ta' rilokazzjoni tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali**, dawn it-tliet Stati Membri **naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom** li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni. Dawn l-Istati Membri ma jistgħux jinvokaw iż-żamma tal-ordni pubbliku, is-salvagwardja tas-sigurtà interna, u l-allegat funzjonament ħażin tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni sabiex jevitaw, b'mod ġenerali, l-implimentazzjoni ta' dan il-mekkaniżmu.

→ [Sentenza II-Kummissjoni vs Il-Polonja, L-Ungerija u Ir-Repubblika Ċeka tat-2 ta' April 2020, C-715/17, C-718/17 u C-719/17](#)





## Protezzjoni tad-*data* personali



Il-Qorti tal-Ġustizzja fid-dinja diġitali

[Ara l-video fuq YouTube](#)



L-Unjoni Ewropea għandha leġiżlazzjoni li tikkostitwixxi bażi solida u konsistenti għall-protezzjoni tad-*data* personali, irrISPettivament mill-mod u mill-kuntest tal-ġbir tagħha (xiri fuq l-internet, self bankarju, tfittxijiet għal impjeg, applikazzjonijiet għal informazzjoni minn awtoritajiet pubbliċi). Dawn ir-regoli japplikaw għall-persuni jew entitajiet pubbliċi u privati stabbiliti fl-Unjoni jew barra mill-Unjoni, inkluż għal imPriżi li joffru prodotti jew servizzi, bħalma huma Facebook jew Amazon, meta dawn jitolbu jew jużaw mill-ġdid id-*data* personali ta' ċittadini tal-Unjoni.

Fl-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar ir-responsabbiltajiet li joħorġu mill-ġbir u mill-ipproċessar ta' din id-*data* b'mod partikolari mill-awtoritajiet nazzjonali, inkluż mis-servizzi tal-intelligence.

.....

Il-Qorti tal-Ġustizzja annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-adeqwatezza tal-mekkaniżmu ta' **protezzjoni tad-*data* personali ttrasferita lejn l-Istati Uniti mill-Unjoni («il-*ħarsien ta' Privatezza*»)**. Din id-deċiżjoni kienet **reazzjoni għas-sentenza Schrems tal-2015 (C-362/14)** li permezz tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li kienet tikkonstata li l-Istati Uniti kienu jiżguraw livell adegwat ta' protezzjoni tad-*data* inkwistjoni («Safe Harbour»). Il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, ikkritikat lill-Kummissjoni li, fid-deċiżjoni l-ġdida, ma llimitatx l-aċċess għal din id-*data* u l-użu tagħha min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi Amerikani, inkluż mis-servizzi tal-intelligence tal-Istati Uniti, għal dak li jkun strettament neċessarju.


➔ [Sentenza Schrems u Facebook Ireland tas-16 ta' Lulju 2020, C-311/18](#)

Fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data*, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat **li d-dritt tal-Unjoni jipprekludi**, bħala prinċipju, leġiżlazzjonijiet nazzjonali li jobbligaw lill-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għall-finijiet tal-għieda kontra r-reati kriminali jew il-kriminalità, **jittrażmettu lill-awtoritajiet pubbliċi jew iżommu d-*data* dwar it-traffiku u dwar il-lokalizzazzjoni tal-utenti, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni**. Hija madankollu ppreċiżat li **jista' jkun hemm eċċezzjonijiet** sabiex jiġi indirizzat theddid serju għas-sigurtà nazzjonali, sabiex jiġu miġġielda l-avvenimenti kriminali serji jew sabiex jiġi evitat theddid serju għas-sigurtà pubblika.

→ [Sentenzi \*Privacy International u La Quadrature du Net et al.\* ta' Ottubru 2020, C-623/17, C-511/18, C-512/18 u C-520/18](#)

Fil-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-**Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha** taħt id-dritt tal-Unjoni minħabba li imponiet restrizzjonijiet fuq il-finanzjament tal-organizzazzjonijiet ċivili minn persuni stabbiliti barra mit-territorju tagħha. Fil-fatt, liġi Ungeriża timponi, taħt piena ta' sanzjonijiet, **obbligi ta' reġistrazzjoni, ta' dikjarazzjoni u ta' pubbliċità** fuq organizzazzjonijiet ċivili li jibbenefikaw minn għajnuna barranija li taqbeż ċertu livell minimu. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn ir-restrizzjonijiet huma diskriminatorji u **jmorru kontra** mhux biss il-libertajiet ta' moviment ta' kapital u ta' assoċjazzjoni iżda jmorru wkoll kontra l-**prinċipji ta' rispett tal-ħajja privata** (ara t-taqsimha «Unjoni bbażata fuq il-valur tal-persuna umana u fuq l-Istat tad-dritt») u ta' **protezzjoni tad-*data* personali**.

→ [Sentenza \*Il-Kummissjoni vs L-Ungerija \(Trasparenza assoċjattiva\)\* ta' 18 ta' Ġunju 2020, C-78/18](#)





## Protezzjoni tal-konsumaturi



Il-Qorti tal-Ġustizzja –  
Garanzija tad-drittijiet tal-  
konsumaturi UE

[Ara l-video fuq YouTube](#)



Il-protezzjoni tal-konsumaturi hija waħda mill-preokkupazzjonijiet ewlenin tal-Unjoni. L-Unjoni taħdem sabiex tippromwovi s-saħħa u s-sigurtà tagħhom, sabiex tiggarrantixxi l-applikazzjoni tar-regoli li jipproteġuhom u sabiex ittejjeb l-għarfien tad-drittijiet tagħhom, irrispettivament mill-post fejn jgħixu, fejn jivvjaġġaw jew fejn iwettqu l-akkwisti tagħhom fit-territorju tal-Unjoni.

Fl-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar il-portata tad-drittijiet tal-konsumaturi.

Il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat, għall-ewwel darba, ir-Regolament tal-Unjoni li jistabbilixxi n-«newtralità tal-internet» f'żewġ kawżi Ungeriżi dwar prattiki kummerċjali li jikkonsistu fl-għoti ta' **tariffi preferenzjali (imsejħa «tariffi żero»)** għall-użu ta' **ċerti applikazzjonijiet «privileġġati»** u, fl-istess ħin, fl-impożizzjoni fuq l-użu ta' applikazzjonijiet oħra ta' miżuri ta' bblokkar jew ta' tnaqqis fil-veloċità. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-**rekwiżiti ta' protezzjoni** tad-drittijiet tal-utenti tal-internet u ta' **trattament mhux diskriminatorju** tat-traffiku **jipprekludu** tali prattiki.

→ [Sentenza Telenor Magyarország Zrt tal-15 ta' Settembru 2020, C-807/18 u C-39/19](#)

F'kawżi dwar proprjetà immobbli mgħammra għall-abitazzjoni u proposta għall-kiri fis-sit internet **Airbnb**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta għal awtorizzazzjoni** l-kiri b'mod ripetut ta' proprjetà intiża għall-abitazzjoni, għal perijodi qosra, lil klijenti preżenti għal perijodu temporanju li ma jistabbilixxux id-domiċilju tagħhom f'din il-proprjetà hija konformi mad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-**għlieda kontra n-nuqqas ta' abitazzjonijiet maħsuba għall-kiri għal perijodi twal** tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tiġġustifika tali leġiżlazzjoni.

→ [Sentenza Cali Apartments tat-22 ta' Settembru 2020, C-724/18 u C-727/18.](#)

Fil-qasam tal-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-kuntratti ta' **self ipotekarju**, il-klawżola li tipprevedi l-applikazzjoni ta' rata ta' interessi varjabbli bbażata fuq l-indiċi ta' referenza tal-banek tat-tfaddil nazzjonali tikkostitwixxi **klawżola inġusta meta ma tkunx ċara u li tintfieh**. Jekk dan ikun il-każ, il-qrati nazzjonali jistgħu jissostitwixxuha bi klawżola bbażata fuq kriterji oħra stabbiliti fil-liġi bil-għan li jiġu evitati konsegwenzi partikolarment sfavorevoli għall-konsumaturi, bħalma hija d-dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt ta' self.

→ [Sentenza Gómez del Moral Guasch](#)  
[tat-3 ta' Marzu 2020, C-125/18](#)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, għalkemm leġislażzjoni nazzjonali tista' tipprevedi **terminu ta' preskrizzjoni għat-tressiq mill-konsumatur ta' kawża għal ħlas lura**, dan it-terminu ma għandux ikun inqas favorevoli minn dak previst fir-rigward ta' kawżi simili u **lanqas ma għandu jagħmel impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju mill-konsumatur tad-drittijiet tiegħu**.

→ [Sentenza Raiffeisen Bank](#)  
[tad-9 ta' Lulju 2020, C-698/18 u C-699/18](#)

Fil-qasam tal-**ittikkettjar** ta' **prodott kożmetiku**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-indikazzjoni tal-»funzjoni«, li għandna tidher fuq il-kontenitur tiegħu u fuq l-imballaġġ tiegħu, għandha tinforma b'mod ċar lill-konsumatur dwar l-użu u l-metodu ta' użu ta' dan il-prodott. Fil-fatt, l-indikazzjonijiet dwar il-**prekawzjonijiet partikolari fl-użu ta' dan il-prodott, dwar il-funzjoni tiegħu u dwar l-ingredjenti tiegħu ma jistgħux jidhru f'katalgu tal-impriża li għall-qari tiegħu jsir riferiment permezz tas-simbolu** ta' id bi ktieb miftuħ li jkun jidher fuq il-kontenitur jew fuq l-imballaġġ.

→ [Sentenza A.M. vs E.M.](#)  
[tas-17 ta' Diċembru 2020, C-667/19](#)

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi u tal-ambjent, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **manifattur ta' vetturi bil-mutur ma jistax jinstalla, fuq il-vetturi tiegħu, software li kapaċi jimmanipula r-riżultati tat-testijiet ta' approvazzjoni tat-tip fuq l-emissjonijiet ta' gassijiet inkwinanti**. Il-konsumaturi li jkunu ġarrbu dannu minħabba x-xiri ta' vetturi mmanipulati b'mod illegali jistgħu jressqu **kawża kontra l-manifattur tal-vetturi bil-mutur quddiem il-qrati tal-Istati Membri fejn dawn il-vetturi kienu ġew mibjugħa lilhom**. Fil-fatt, id-dannu tax-xerrej jimmaterjalizza fl-Istat Membru fejn jakkwista l-vettura bi prezz ogħla mill-valur reali tagħha.

→ [Sentenza CLCV et](#)  
[tas-17 ta' Diċembru 2020, C-693/18](#)

→ [Sentenza Verein für Konsumenteninformation](#)  
[tad-9 ta' Lulju 2020, C-343/19](#)



Protezzjoni aħjar tal-konsumaturi u tal-ambjent toħroġ ukoll mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ċaħdet it-talba ta' PlasticsEurope, assoċjazzjoni internazzjonali li tirrappreżenta u tiddefendi l-interessi tal-impriżi li jimmanifatturaw u jimportaw prodotti ta' materja tal-plastik, u li kkonfermat id-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi li tissuġġetta l-**bisfenol A għal awtorizzazzjoni bħala sustanza li għandha karatteristiċi li jfixxlu s-sistema endokrinali u li jista' jkollhom effetti serji fuq l-ambjent.**

→ [\*Sentenza \*\*PlasticsEurope\*\* tas-16 ta' Diċembru 2020, T-207/18\*](#)

Żewġ sentenzi mogħtija fl-2020 jikkonċernaw il-**konsum tal-laħam**. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'waħda minn dawn is-sentenzi, li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi l-**isturdament qabel il-qtil** tal-annimali (ara t-taqsima «Unjoni bbażata fuq il-valur tal-persuna umana u fuq l-Istat tad-dritt»). Fis-sentenza l-oħra, il-Qorti Ġenerali **ċaħdet ir-rikors ta' tnejn mill-ikbar produtturi u distributuri mondjali tal-laħam** li kienu qegħdin jippruvaw jiksbu l-annullament ta' regolament li kien ipprojbixxihom, għal raġunijiet ta' saħħa pubblika, milli jesportaw, lejn l-Unjoni, ċerti prodotti li joriġinaw mill-annimali. F'dan il-każ, fil-fatt, l-awtoritajiet Brażiljani ma kinux joffru, fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti nazzjonali, il-garanziji meħtieġa fl-Unjoni fil-qasam tas-saħħa pubblika.

→ [\*Sentenza \*\*Centraal Israëlitisch Consistorie van België\*\* tas-17 ta' Diċembru, C-336/19\*](#)

→ [\*Sentenza \*\*BRF u SHB Comercio e Industria de Alimentos\*\* tat-8 ta' Lulju 2020, T-429/18\*](#)





## Trasport bl-ajru

Matul is-sena li għaddiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-opportunità tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha fil-qasam tat-trasport bl-ajru. Suġġett li jqum regolarment huwa dak tal-kumpens tal-passiġġieri f'ċertu numru ta' sitwazzjonijiet. B'hekk, id-drittijiet tal-konsumaturi f'dan il-qasam jissaħħu permezz tal-kjarifikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.



X'għamlet għalija l-Qorti tal-Ġustizzja?

[Ara l-video fuq YouTube](#)



Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fil-każ tal-kanċellazzjoni ta' titjira jew ta' dewmien twil, **passiġġier tal-ajru jista' jeżiġi l-ħlas tal-kumpens previst fid-dritt tal-Unjoni fil-munita nazzjonali tal-post tar-residenza tiegħu**. Hija qieset li d-dritt tal-Unjoni jipprojbixxi li t-talba mressqa għal dan il-għan minn tali passiġġier tiġi miċħuda għas-sempliċi raġuni li saret f'din il-munita nazzjonali. Fil-fatt, ir-rifjut ta' tali ħlas ikun inkompatibbli mar-rekwiżit ta' interpretazzjoni wiesgħa tad-drittijiet tal-passiġġieri tal-ajru kif ukoll mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament tal-passiġġieri li ġarrbu dannu.

→ [Sentenza Delfly tat-3 ta' Settembru 2020, C-356/19](#)

Qamet tilwima bejn il-kumpannija tal-ajru TAP u passiġġier dwar il-kumpens ta' dan tal-aħħar minħabba li titjira minn Fortaleza (il-Brażil) sa Oslo (in-Norveġja), b'konnessjoni f'Lisbona (il-Portugall), kienet waslet b'dewmien ta' kważi 24 siegħa. Dan id-dewmien kien dovut għall-fatt li, matul titjira preċedenti, l-ajruplan użat għat-titjira bejn Lisbona u Oslo kellu jinżel f'ajruport differenti sabiex jitneħħa passiġġier li kien agredixxa fiżikament passiġġieri oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **l-aġir problematiku ta' passiġġier tal-ajru jista' jeħles lit-trasportatur mill-obbligu tiegħu li jħallas kumpens** minħabba l-kanċellazzjoni jew id-dewmien twil tat-titjira kkonċernata jew ta' titjira segwenti operata minnu stess permezz tal-istess ajruplan.

→ [Sentenza Transportes Aéreos Portugueses tal-11 ta' Ġunju 2020, C-74/19](#)



Passiġġier Kazaki ma kienx tħalla jitle', f'Larnaca (Ċipru), fuq titjira tal-kumpannija tal-ajru Rumena Blue Air lejn Bukarest (ir-Rumanija), għar-raġuni li d-dokumenti tal-ivvjaġġar ippreżentati kienu tqiesu li ma kinux adegwati. Fuq domanda minn qorti Ċiprijotta, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ma huwiex il-kompitu tat-trasportatur tal-ajru li jistabbilixxi huwa stess, b'mod definittiv, in-natura inadegwata ta' tali dokumenti u li, fil-każ ta' kontestazzjoni mill-passiġġier, huwa għalhekk il-kompitu ta' qorti nazzjonali li tevalwa jekk il-fatt li ma tħalliex jitle' fuq it-titjira huwiex ta' **natura raġonevolment iġġustifikat**. Jekk dan ma jkunx il-każ, il-passiġġier ikollu dritt għall-kumpens u għall-assistenza previsti fid-dritt tal-Unjoni.


→ [Sentenza Blue Air  
tat-30 ta' April 2020, C-584/18](#)

L-awtorità tal-kompetizzjoni Taljana kienet akkużat lil Ryanair li, fis-sit internet tagħha, kienet ippubblikat prezzijiet ta' servizz tal-ajru li ma kinux juru, sa mill-ewwel indikazzjoni tagħhom, ċerti elementi fundamentali. Meta saritilha domanda dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li **t-trasportaturi tal-ajru għandhom jindikaw, fil-pubblikazzjoni tal-offerti ta' prezz tagħhom fuq l-internet u sa mill-offerta inizjali, l-ammont tal-VAT marbut mat-titjiriet nazzjonali, l-ispejjeż tal-ħlas b'karta ta' kreditu kif ukoll l-ispejjeż tar-reġistrazzjoni meta ma jkun propost ebda mod ta' reġistrazzjoni bla ħlas bħala alternattiva**.

→ [Sentenza Ryanair  
tat-23 ta' April 2020, C-28/19](#)

Fuq domanda mill-Qorti tal-Appell ta' Helsinki (il-Finlandja), il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li **passiġġier tal-ajru li jkun aċċetta li jivvjaġġa fuq titjira alternattiva**, li t-trasportatur tal-ajru tagħha kien dak li kellu jopera u li kien annulla t-titjira inizjalment prevista, **għandu dritt għal kumpens minħabba d-dewmien twil tat-titjira alternattiva**.

→ [Sentenza Finnair  
tat-12 ta' Marzu 2020, C-832/18](#)





## Ħaddiema u sigurtà soċjali



Il-Qorti tal-Ġustizzja fil-post tax-xogħol – Ħarsien tad-drittijiet tal-ħaddiema

[Ara l-video fuq YouTube](#)



Sabiex tiffaċilita l-moviment liberu tal-ħaddiema u tal-familji tagħhom, l-Unjoni Ewropea kkoordinat is-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri. Filwaqt li josserva l-kompetenza ta' kull Stat Membru li jorganizza s-sistema tiegħu stess, id-dritt tal-Unjoni, f'isem, fost oħrajn, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, jipprova jqarreb kemm jista' jkun il-kundizzjonijiet tax-xogħol u tal-impjegjiet tal-ħaddiema kollokati ma' dawg tal-ħaddiema impjegati minn impriżi stabbiliti fl-Istat Membru osipitanti. L-għan imfittex mid-dritt tal-Unjoni huwa li jiggarrantixxi l-aħjar protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema.

**Kull sena l-Qorti tal-Ġustizzja tintalab, diversi drabi, tinterpreta d-dritt tal-Unjoni f'dan il-qasam. Is-sena 2020 ma kinitx eċċezzjoni.**

.....

Adita b'domanda dwar l-allowances tal-familja mħallsa mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **Stat Membru li jagħti allowances tal-familja lill-ulied kollha li jirrisjedu fit-territorju tiegħu** ma jistax jeskludi minn dan il-benefiċċju lill-ulied tal-konjuġi ta' ħaddiem transkonfinali li magħhom dan tal-aħħar ma għandux rabta ta' parentela iżda jipprovdi għall-manteniment tagħhom. Fil-fatt, tali allowance, li tikkostitwixxi vantaġġ soċjali u benefiċċju tas-sigurtà soċjali, hija **suġġetta għall-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament li minnu jibbenefikaw il-ħaddiema transkonfinali u, indirettament, il-membri tal-familja tagħhom.**

→ [Sentenza Caisse pour l'avenir des enfants tat-2 ta' April 2020, C-802/18](#)

F'tilwima bejn studenta Ġermaniża, residenti fi Franza, u l-Land ta' Rheinland-Pfalz, fejn kienet tattendi stabbiliment ta' edukazzjoni sekondarja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li **r-rimbors tal-ispejjeż tat-trasport skolastiku jkun suġġett għar-residenza fil-Land ikkonċernat jikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta** kontra l-ħaddiema transkonfinali u l-familja tagħha, li, bħala prinċipju, hija pprobita mid-dritt tal-Unjoni. Fil-każ tat-trasport skolastiku fil-Land ta' Rheinland-Pfalz, tali kundizzjoni ta' residenza **ma hijiex iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali** marbuta mal-organizzazzjoni tas-sistema skolastika.

→ [Sentenza Landkreis Südliche Weinstraße vs PF et](#)  
[tat-2 April 2020, C-830/18](#)

Il-Qorti tal-Ġustizzja **ċaħdet ir-rikorsi għal annullament, ippreżentati mill-Ungerija u mill-Polonja, kontra d-Direttiva li ssaħħaħ id-drittijiet tal-ħaddiema kkollokati**. Hija indikat li, fid-dawl b'mod partikolari tal-evoluzzjoni tas-suq intern wara t-tkabbir suċċessiv tal-Unjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni seta' jwettaq evalwazzjoni ġdida tal-interessi tal-impriżi li jibbenefikaw mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi u tal-interessi tal-ħaddiema tagħhom ikkollokati fi Stat Membru ospitanti, bil-għan li jiġi żgurat li din il-libertà li jiġu pprovduti servizzi tiġi applikata f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusti bejn dawn l-impriżi u dawk stabbiliti f'dan l-Istat Membru.

→ [Sentenzi L-Ungerija u Il-Polonja vs Il-Parlament u Il-Kunsill](#)  
[tat-8 ta' Diċembru 2020, C-620 u 626/18](#)

Fil-kuntest ta' kawża dwar impriża tat-trasport Olandiża li kienet tuża s-servizzi ta' sewwieqa li joriġinaw mill-Ġermanja u mill-Ungerija, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-kollokament tal-ħaddiema tapplika, bħala prinċipju, għat-trasport bit-triq, b'mod partikolari dak internazzjonali. Għaldaqstant, il-ftehimiet kollettivi tal-Istat Membru ospitanti japplikaw għall-ħaddiema li jkunu kkollokati f'dan l-Istat Membru. Madankollu, **il-fatt li sewwieq li jaħdem fit-trasport bit-triq internazzjonali, imqiegħed għad-dispożizzjoni ta' impriża stabbilita fl-Istat Membru ospitanti, jirċievi f'dan l-Istat Membru l-istruzzjonijiet inerenti għall-missjonijiet tiegħu u jibda u jtemm dawn il-missjonijiet fl-imsemmi Stat Membru ma huwiex biżżejjed, fih innifsu, sabiex jitqies li dan is-sewwieq kien ġie kkollokat f'dan l-Istat Membru.**

→ [Sentenza Federatie Nederlandse Vakbeweging](#)  
[tal-1 ta' Diċembru 2020, C-815/18](#)

Il-kumpanija tal-ajru Spanjola **Vueling kienet ġiet ikkundannata taħt id-dritt kriminali għal frodi soċjali fi Franza wara li kienet affiljat il-persunal tal-kabina tagħha, ikkollokat fl-ajruport Roissy-Charles De Gaulle f'Pariġi, mas-sigurtà soċjali Spanjola minflok mas-sigurtà soċjali Franċiża**. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-konstatazzjoni definittiva ta' frodi, madankollu, ma tistax torbot lill-qradi ċivili Franċiżi li jkunu sarulhom talbiet għal kumpens sa fejn, bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, qabel l-imsemmija konstatazzjoni ma kienx hemm **djalogu mal-istituzzjoni Spanjola li kien jippermettilha teżamina mill-ġdid il-fajl** u, jekk ikun il-każ, tannulla jew tirtira ċ-ċertifikati li jattestaw l-affiljazzjoni tal-ħaddiema taħt il-leġiżlazzjoni Spanjola.

→ [Sentenza CRNPAC u Vueling Airlines](#)  
[tat-2 ta' April 2020, C-370/17 u C-371/18](#)



Fir-rigward tad-dritt għal-**leave annwali mħallas**, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li **ħaddiem imkeċċi b'mod illegali li mbagħad jerġa' jiġi integrat fl-impjieg li kellu qabel** jibbenefika minn dan id-dritt għall-perijodu bejn dawn iż-żewġ avvenimenti anki jekk, matul dan il-perijodu, huwa ma jkunx effettivament ħadem. Madankollu, meta l-ħaddiem, matul il-perijodu inkwistjoni, ikun okkupa impjieg ġdid, huwa jkun jista' jinvoka d-drittijiet għal-leave annwali mħallas, li jikkorrispondu għall-perijodu li matulu okkupa dan l-impjieg, fil-konfront biss tal-persuna li timpjegah il-ġdida.

→ [Sentenza Varhoven kasatsionen sad na Republika Bulgaria u Iccrea Banca tal-25 ta' Ġunju 2020, C-762/18 u C-37/19](#)





## Għajjnuna mill-Istat

L-interessi kkonċernati mill-għajjnuna mill-Istat iqajmu kwistjonijiet strateġiċi u kumplessi mill-perspettiva tal-interpretazzjoni u tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni.

Fl-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali eżaminaw deċiżjonijiet fil-qasam tal-għajjnuna mill-Istat marbuta ma' setturi prinċipali tal-ekonomija tal-Istati Membri. Dawn il-kawżi jirriflettu d-diffikultajiet fl-applikazzjoni tar-regoli marbuta mal-għajjnuna mill-Istat għal oqsma bħalma huma t-tassazzjoni, il-politika tal-enerġija, il-protezzjoni tal-ambjent jew l-assigurazzjoni għall-mard obligatorja.

.....

Fuq kwistjoni mqajma mill-Awstrija, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-għajjnuna mill-Istat mogħtija għall-**kostruzzjoni tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Hinkley Point C fir-Renju Unit setgħet tiġi approvata** mill-Kummissjoni għar-raġuni li kienet tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni. Hija rrilevat ukoll li, bil-kundizzjoni li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, ir-Renju Unit kien liberu li jiddetermina l-kompożizzjoni tas-sorsi tal-provvista tal-enerġija tiegħu.

→ [Sentenza \*L-Awstrija vs Il-Kummissjoni\* tat-22 ta' Settembru 2020, C-594/18 P](#)

Il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet teżamina wkoll il-legalità tat-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi tal-Istat favur **żewġ korpi ta' assigurazzjoni għall-mard li joperaw taħt il-kontroll tal-awtoritajiet Slovacki fil-kuntest ta' skema ta' assigurazzjoni għall-mard obligatorja**. Hija kkonstatat li, minkejja l-eżistenza ta' ċerta kompetizzjoni fost id-diversi operaturi, kemm privati u kemm pubbliċi, koperti minn din l-iskema, din tal-aħħar kellha **għan soċjali u kienet timplimenta l-prinċipju ta' solidarjetà**. Hija għaldaqstant iddeċidiet, filwaqt li kkonfermat b'hekk id-deċiżjoni tal-Kummissjoni, li l-każ taż-żewġ korpi inkwistjoni **ma kienx jaqa' taħt ir-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat**.

→ [Sentenza II-Kummissjoni u Is-Slovacka vs Dôvera zdravotná poisťovňa tal-11 ta' Ġunju 2020, C-262/18 P u C-271/18 P](#)

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat in-natura tas-sussidji mogħtija minn Franza, fil-forma ta' tnaqqis tal-kontribuzzjonijiet salarjali, **lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akwakultura milquta min-nawfraġju tal-bastiment Erika u mill-maltempati vjolenti li seħħew fl-1999**. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li dan it-tnaqqis kien jikkonċerna piżijiet li ma jaqgħux fuq l-impriżi iżda fuq l-impjegati tagħhom. Għaldaqstant, dan it-tnaqqis **ma kien jagħti ebda vantaġġ lil dawn l-impriżi**, b'tali mod li r-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-ghajjnuna mill-Istat, li jikkonċernaw biss lill-impriżi, ma kinux applikabbli għal din is-sitwazzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja, għalhekk, annullat parzjalment id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tordna lil Franza tirkupra dawn is-sussidji.

→ [Sentenza \*Ministre de l'Agriculture et de l'Alimentation vs Compagnie des pêches de Saint-Malo\* tas-17 ta' Settembru 2020, C-212/19](#)

Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja **kkundannat lill-Italja għall-ħlas ta' somma f'daqqa ta' 7.5 miljuni euro u multa ta' kuljum ta' 80 000 euro talli naqset milli tirkupra għajjnuna, fl-ammont ta' madwar 13.7 miljuni euro, mogħtija illegalment lis-setur tal-lukandi f'Sardegna**. Fil-fatt, minkejja li, fl-2008, il-Kummissjoni kienet ordnat lill-Italja tirkupra din l-ghajjnuna u minkejja li, fl-2012, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat in-nuqqas tal-Italja li twettaq l-obbligu tagħha f'dan ir-rigward, dan l-Istat Membru baqa' ma wettaqx l-obbligu ta' rkupru tiegħu. Il-Kummissjoni għalhekk ippreżentat rikors ieħor għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu sabiex jiġu imposti sanzjonijiet pekunjarji fuq l-Italja, liema rikors intlaqa' mill-Qorti tal-Ġustizzja.

→ [Sentenza II-Kummissjoni vs L-Italja tat-12 ta' Marzu 2020, C-576/18](#)

Min-naħa tagħha, il-Qorti Ġenerali **annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-klassifikazzjoni bħala għajjnuna mill-Istat illegali tad-deċiżjonijiet fiskali Irlandiżi favur Apple**. Skont il-Kummissjoni, l-Irlanda kienet tat lil Apple madwar **13-il biljun euro** f'vantaġġi fiskali illegali, li għalhekk kellhom jiġu rkuprati mill-Istat Membru mingħajr il-benefiċjarju tagħhom. Madankollu, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma kienx irnexxielha tipprova b'mod suffiċjenti li d-deċiżjonijiet fiskali inkwistjoni kienu jagħtu vantaġġ ekonomiku selettiv lil Apple u kienu jikkostitwixxu għajjnuna mill-Istat favur tagħha.

→ [Sentenza L-Irlanda vs II-Kummissjoni u Apple Sales International tal-15 ta' Lulju 2020, T-778/16 u T-892/16](#)



Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali **annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara illegali l-għajjnuna mogħtija mill-Komunità Awtonoma ta' Valencia (Spanja) favur il-klabbs tal-futbol Spanjoli Valencia CF u Elche CF**. Skont il-Kummissjoni, din l-għajjnuna kienet fil-forma ta' garanziji favur assoċjazzjonijiet marbuta ma' dawn il-klabbs sabiex ikopru self bankarju li dawn kienu kkonkludew sabiex jikkontribwixxu fiż-żieda tal-kapital tal-klabb li miegħu kienu marbuta rispettivament. Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet invizzjata b'diversi żbalji li kienu jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' garanziji paragonabbli fis-suq.

→ [Sentenzi Valencia Club de Fútbol u Elche Club de Fútbol tat-12 ta' Marzu 2020, T-732/16 u T-901/16](#)

Għall-kuntrarju, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara **illegali l-għajjnuna mogħtija mir-Reġjun Awtonomu ta' Sardegna favur diversi kumpanniji tal-ajru li joperaw titjiriet lejn u minn Sardegna**. Din l-għajjnuna, li kienet intiża li ttejjeb il-konnessjonijiet bl-ajru mal-gżira u li tiżgura l-promozzjoni tagħha bħala destinazzjoni turistica, kienet tqiegħdet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji permezz tal-operaturi tal-ajruporti prinċipali f'Sardegna. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-għajjnuna ma kinitx ingħatat lil dawn l-operaturi iżda lill-kumpanniji tal-ajru kkonċernati, li għalhekk għandhom jirrimborsawha.


→ [Sentenzi Volotea, Germanwings u easyJet tat-13 ta' Mejju 2020, T-607/17, T-716/17 u T-8/18](#)

Il-Qorti Ġenerali **kkonfermat ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li s-sistema fiskali Spanjola applikabbli għal ċerti ftehimiet ta' lokazzjoni-finanzjament konklużi minn tarzni ma' gruppi ta' interess ekonomiku (ĠIE)** kienet tikkostitwixxi, bħala metodu ta' investiment li jippermetti li jinkisbu **vantaġġi fiskali**, skema ta' għajjnuna mill-Istat favur il-membri tal-ĠIE kkonċernati. Skont il-Kummissjoni, din is-sistema, li fil-kuntest tagħha kumpannija marittima ma kinitx tikseb bastiment direttament mingħand tarzna iżda permezz tal-ĠIE bħala intermedjarju, kienet parzjalment **inkompatibbli mas-suq intern** sa fejn kienet tippermetti wkoll lill-kumpanniji marittimi jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 20 sa 30 % fuq il-prezz tax-xiri ta' bastimenti mibnija minn tarzni Spanjoli.

→ [Sentenza Spanja et vs Il-Kummissjoni tat-23 ta' Settembru 2020, T-515/13 RENV u T-719/13 RENV](#)

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Kummissjoni kienet ikkonstatat li **l-garanzija pubblika illimitata mogħtija minn Franza lill-IFP Énergies nouvelles (IFPEN)**, stabbiliment pubbliku Franċiż inkarigat b'mod partikolari b'missjonijiet ta' riċerka u ta' żvilupp fl-oqsma tal-enerġija, kienet miżura li kienet tikkostitwixxi parzjalment **għajjnuna mill-Istat**. Il-Qorti Ġenerali qieset li l-IFPEN u Franza ma kienx irnexxielhom jegħlbu l-preżunzjoni li l-għoti ta' tali garanzija jagħti lill-benefiċjarju tagħha vantaġġ ekonomiku meta mqabbel mal-kompetituri tiegħu.

→ [Sentenza Franza et vs Il-Kummissjoni tal-5 ta' Ottubru 2020, T-479/11 RENV u T-157/12 RENV](#)





## Kompetizzjoni



Il-Qorti Ġenerali – Garanzija li l-Istituzzjonijiet tal-UE josservaw il-liġi tal-UE

[Ara l-video fuq YouTube](#)



Il-kompetizzjoni libera tikkontribwixxi għat-titjib tal-benesseri taċ-ċittadini tal-Unjoni billi toffrilhom għażla usa' ta' prodotti u ta' servizzi ta' kwalità aħjar bi prezzijiet iktar kompetittivi. Sabiex jintlaħaq dan ir-riżultat, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tipprova tevita r-restrizzjonijiet u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fi ħdan is-suq intern. L-iktar regoli importanti f'dan il-qasam huma stabbiliti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea: dawn ir-regoli jipprojbixxu kemm l-akkordji ta' natura li jostakolaw il-kompetizzjoni libera kif ukoll l-isfruttament abbużiv ta' pożizzjoni dominanti.

**FI-2020, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali interpretaw u applikaw dawn ir-regoli f'diversi kawżi li jikkonċernaw setturi differenti tal-ekonomija.**

Il-Qorti Ġenerali **annullat parzjalment id-deċiżjonijiet ta' spezzjoni** tal-Kummissjoni wara suspetti ta' prattiki antikompetittivi implimentati minn diversi impriżi Franċiżi fis-**settur tad-distribuzzjoni**. Hija qieset li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li kellha indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġu ssuspettati skambji ta' informazzjoni dwar l-istrategġiji kummerċjali futuri tal-impriżi kkonċernati.

→ [Sentenzi \*Casino et\* tal-5 ta' Ottubru 2020, T-249/17, T-254/17 u T-55/17](#)

Il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-eżistenza, stabbilita mill-Kummissjoni, ta' **akkordju fis-suq tal-kards b'ċirkwit integrat** bejn diversi impriżi li kienu kkoordinaw il-politika tagħhom fir-rigward tal-prezzijiet. Il-Qorti Ġenerali, madankollu, **naqqset il-multa** imposta mill-Kummissjoni, b'mod partikolari fuq il-kumpannija Infineon, billi ħadet inkunsiderazzjoni n-numru limitat ta' kuntatti antikompetittivi li din tal-aħħar kellha mal-kompetituri tagħha kif ukoll in-natura insuffiċjenti tal-provi dwar wieħed mill-kuntatti kkonstatati mill-Kummissjoni.

→ [Sentenza \*Infineon Technologies\* tat-8 ta' Lulju 2020, T-758/14 RENV](#)



Il-Qorti Ġenerali ntabbet tiegħu deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar il-legalità ta' regoli adottati minn federazzjoni sportiva internazzjonali. Il-Qorti Ġenerali qieset li r-regoli tal-**International Skating Union** (l-Unjoni Internazzjonali tal-Pattinaġġ (UIP)) **kienu jiksru l-kompetizzjoni libera** sa fejn jipprevedu sanzjonijiet kontra l-**atleti li jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet ta' pattinaġġ veloċi mhux irrikonoxxuti minnha**. Il-Qorti Ġenerali qieset li r-**restrizzjonijiet li jirriżultaw mis-sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel** prevista fir-regoli inkwistjoni **ma setgħux ikunu ġġustifikati permezz tal-għan li tiġi protetta l-integrità tal-isport**.

→ [Sentenza International Skating Union tas-16 ta' Diċembru 2020, T-93/18](#)

Il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikkonstata **abbuż minn pożizzjoni dominanti** min-naħa ta' Lietuvos geležinkeliai AB (LG), **il-kumpannija nazzjonali ferrovjarja tal-Litwanja**, fis-suq Litwan tat-trasport ferrovjarju tal-merkanzija. LG kienet ikkonkludiet ftehim dwar it-trasport ferrovjarju tal-merkanzija mal-kumpannija Orlen dwar it-trasport ta' prodotti petroliferi lejn l-Ewropa tal-Punent. Wara tilwima ma' LG, Orlen xtaqet tafda dan it-trasport lill-kumpannija nazzjonali ferrovjarja tal-Latvja. LG, billi waqqfet il-linja ferrovjarja bejn il-post tat-tluq tal-merkanzija, fil-Litwanja, u l-Latvja, kienet ipprekludiet lill-impriża kompetitriċi Latvjana milli tikkonkludi l-kuntratt ma' Orlen. Tali aġir tqies li jikkostitwixxi **abbuż minn pożizzjoni dominanti**.

→ [Sentenza Lietuvos geležinkeliai AB tat-18 ta' Novembru 2020, T-814/17](#)

Fil-kuntest ta' tilwima bejn kumpannija li topera lukanda fil-Ġermanja u l-kumpannija rregolata mid-dritt Olandiż Booking.com BV, li topera pjattaforma ta' prenotazzjoni ta' akkomodazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, fuq talba minn qorti Ġermaniża, iddeċidiet li lukanda **li tuża l-pjattaforma Booking.com tista' tressaq, kontra din tal-aħħar, kawża quddiem qorti tal-Istat Membru li fih din il-lukanda tkun stabbilita** sabiex jitwaqqaf **eventwali abbuż minn pożizzjoni dominanti**. Min-naħa tagħha, Booking.com sostniet li l-kawża kontriha kellha titressaq quddiem qorti tal-Istat Membru fejn jinsab is-sede tagħha, argument iżda li l-Qorti tal-Ġustizzja ma qablitx miegħu.

→ [Sentenza Wikingerhof GmbH & Co. KG vs Booking.com BV tal-24 ta' Novembru 2020, C-59/19](#)


Pożizzjoni dominanti fis-**suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi** u fis-**suq tal-mezzi tal-komunikazzjonijiet** tista' tipperikola l-pluraliżmu tal-informazzjoni. Din il-kunsiderazzjoni kienet l-ispirazzjoni wara leġiżlazzjoni Taljana li kienet tipprojbixxi lill-impriżi b'saħħa kbira fl-ewwel suq milli jiksbu dimensjoni ekonomika sinjifikattiva fit-tieni wieħed. Fil-kuntest tal-kampanja ostili għall-akkwist ta' azzjonijiet fil-kumpannija Taljana Mediaset min-naħa tal-kumpannija Franċiża Vivendi u fil-kuntest tat-tilwim li rriżulta minnha, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li tali leġiżlazzjoni, **meta ma tkunx ta' natura li tipproteġi l-pluraliżmu tal-informazzjoni**, tikkostitwixxi **ostakolu pprojbit għal-libertà ta' stabbiliment**.

→ [Sentenza Vivendi SA tat-3 ta' Settembru 2020, C-719/18](#)



Fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet ta' impriżi, il-Qorti Ġenerali **annullat id-deċiżjoni** tal-Kummissjoni **li tirrifjuta l-proposta ta' xiri ta' Telefónica UK minn Hutchison 3G UK**. Hija ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li tali xiri kien ser joħloq ostakolu sinjifikattiv għall-kompetizzjoni effettiva **fis-suq Brittaniku tat-telefonija mobbli**. Hija osservat ukoll li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet li tali operazzjoni kienet ser twassal għal żieda fil-prezzijiet tas-servizzi u għal tnaqqis fil-kwalità tagħhom.

→ [Sentenza \*CK Telecoms UK Investments\* tat-28 ta' Mejju 2020, T-399/16](#)





## Settur bankarju u tassazzjoni

Ir-regoli dwar is-suq intern (is-“suq uniku”) tal-Unjoni jippermettu l-kummerċjalizzazzjoni libera ta’ prodotti u ta’ servizzi fi ħdan l-Unjoni. Bil-għan, b’mod partikolari, li jiġu evitati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn impriżi, l-Istati Membri qablu li jallinjaw ir-regoli tagħhom dwar it-tassazzjoni fuq il-prodotti u s-servizzi. Ittieħdu wkoll miżuri, fil-livell tal-Unjoni, sabiex jiġu kkoordinati, sa ċertu punti, il-politiki ekonomiċi kif ukoll ir-regoli dwar it-tassazzjoni tal-kumpanniji u tad-dħul, bil-għan li dawn ikunu ġusti u effettivi filwaqt li jinkoraġġixxu t-tkabbir. Madankollu, l-ammont tat-taxxi mħallsa mill-individwi u l-mod kif jintefqu s-somom miġbura bis-saħħa ta’ dawn it-taxxi jaqgħu fil-kompetenza tal-Istati Membri.

.....

F’kawża li kienet tikkonċerna l-kumpannija **Google Ireland**, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-leġislazzjoni Ungeriża li kienet tissuġġetta lill-fornituri ta’ servizzi ta’ reklamar stabbiliti fi Stat Membru ieħor għal obbligu ta’ dikjarazzjoni, għall-finijiet tal-issuġġettar tagħhom għat-**taxxa Ungeriża fuq ir-reklamar**, hija kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u, b’mod iktar preċiż, mal-**prinċipju ta’ libertà li jiġu pprovduti servizzi**. Għall-kuntrarju, hija indikat li dan l-istess prinċipju u l-prinċipju ta’ proporzjonalità jipprekludu leġislazzjoni Ungeriża oħra li timponi, fuq il-fornituri li ma jkunux ikkonformaw ruħhom ma’ dan l-obbligu ta’ dikjarazzjoni, multi li, wara ftit jiem, jistgħu jammontaw għal diversi miljuni ta’ euro.

→ [Sentenza Google Ireland  
tat-3 ta’ Marzu 2020, C-482/18](#)

F'kawża Ungeriża oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **t-taxxi speċjali miġbura fl-Ungerija fuq id-dħul mill-bejgħ tal-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet u tal-impriżi fis-settur tal-kummerċ bl-imnut** huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Dawn l-impriżi, li fil-maġġoranza tagħhom huma miżmuma minn persuni fiżiċi jew ġuridiċi ta' Stati Membri oħra, jiġġeneraw l-ikbar dħul mill-bejgħ fis-swieq Ungeriżi kkonċernati u għaldaqstant iġarrbu l-parti prinċipali ta' dawn it-taxxi speċjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja, madankollu, iddeċidiet li dan il-fatt jirrifletti r-realtà ekonomika ta' dawn is-swieq u **għalhekk ma jikkostitwixx diskriminazzjoni** fil-konfront ta' dawn l-impriżi.

→ [Sentenzi \*Vodafone Magyarország u Tesco-Global Áruházak\* tat-3 ta' Marzu 2020, C-75/18 u C-323/18](#)

Fl-2020, il-Qorti Ġenerali tat l-ewwel erba' sentenzi tagħha dwar **deċiżjonijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li jimponu sanzjonijiet pekunjarji** fil-kuntest tas-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali **annullat parzjalment tliet deċiżjonijiet** minħabba li ma kellhomx motivazzjoni suffiċjenti. Fil-fatt, ma kienet ingħatat ebda preċiżazzjoni dwar il-metodoloġija applikata mill-BĊE sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tas-sanzjonijiet imposti.

→ [Sentenzi \*VQ vs BĊE\* tat-8 ta' Lulju 2020, T-203/18, T-576/18, T-577/18, T-578/18](#)





## Proprietà intellettwali

Il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jiżguraw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni adottata mill-Unjoni sabiex tħares u tipproteġi l-proprjetà intellettwali (id-drittijiet tal-awtur, id-drittijiet tat-trade marks, il-protezzjoni tad-disinni, id-drittijiet ta' privattivi), bil-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-impriżi.

Matul is-sena 2020, iż-żewġ qrati tal-Unjoni taw diversi deċiżjonijiet f'dan il-qasam filwaqt li speċifikaw kemm id-delimitazzjonijiet tar-responsabbiltà għal ksur ta' dawn id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali kif ukoll il-kundizzjonijiet li fihom hija protetta l-proprjetà intellettwali, b'attenzjoni partikolari, fil-qasam tat-trade marks, għall-kunċetti ta' "karattru distintiv" u ta' "probabbiltà ta' konfużjoni".

.....

Fir-rigward tar-responsabbiltà tal-persuni u tal-kumpanniji għal ksur tad-drittijiet mogħtija minn trade mark tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **s-sempliċi ħażna** minn Amazon, fuq pjattaforma għal bejgħ fuq l-internet (Amazon-Marketplace), **ta' prodotti li jiksru d-dritt tat-trade mark ma tikkostitwixxix ksur** minn Amazon **ta' dan id-dritt**. Fil-fatt, impriża li taħżen prodotti foloz f'isem bejjiegħ terz, mingħajr ma tkun taf bil-ksur ta' dritt tat-trade mark, ma tkunx qiegħda tagħmel hija stess użu illegali ta' din it-trade mark, sakemm ma ssegwix l-għan, bħall-bejjiegħ, li toffri l-prodotti għall-bejgħ jew li tqiegħdhom fil-kummerċ.

➔ [Sentenza Coty Germany tat-2 ta' April 2020, C-567/18](#)

Fir-rigward tal-**karattru distintiv indispensabbli għall-validità ta' trade mark**, il-Qorti Ġenerali fakkret li forma, li tkun saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha bħala **trade mark tridimensjonali**, ma jkollhiex dan il-karattru meta ma **tvarjax b'mod sinjifikattiv min-norma jew mill-użanzi tas-settur ikkonċernat**. Fil-każ ta' lazz ta' żarbun, il-Qorti Ġenerali indikat li n-novità tal-forma tiegħu u s-sbuħija tad-disinn tiegħu ma humiex suffiċjenti, waħedhom, sabiex jiġi konkluż li għandu karattru distintiv. Fil-fatt, il-funzjoni ta' trade mark hija **li tindika l-orijini kummerċjali tal-prodott u li b'hekk tippermetti** lill-konsumaturi jorbtu ċerti prodotti ma' impriża partikolari.

→ [Sentenza Hickies tal-5 ta' Frar 2020, T-573/18](#)

Bl-istess raġunament, iżda fil-każ ta' **trade mark figurattiva**, il-Qorti Ġenerali osservat li **disinn b'ras ta' ljun imdawra b'katini** jikkostitwixxi forma komuni u tipika ta' **buttuni** u ta' oġġetti ta' **ġojjellerija**, u għalhekk **ma għandux karattru distintiv** fir-rigward ta' dawn il-prodotti. F'kawża oħra, il-Qorti Ġenerali, għall-kuntrarju, ikkritikat lill-EUIPO talli ma ħax inkunsiderazzjoni ċerti provi sabiex jevalwa **l-karattru distintiv, miksub bl-użu**, ta' trade mark li tikkostitwixxi **f'disinn qisu bord taċ-ċess għall-basktijiet u l-bagalji**.

→ [Sentenzi Pierre Balmain tal-5 ta' Frar 2020, T-331/19 u T-332/19](#)

→ [Sentenza Louis Vuitton Malletier tal-10 ta' Ġunju 2020, T-105/19](#)

Trade mark verbali lanqas ma jkollha karattru distintiv meta tkun sempliċement tiddekrivi karatteristika tal-prodott li fir-rigward tiegħu tkun saret applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tagħha. Il-Qorti Ġenerali qieset li t-trade mark verbali **WAVE** għal lampi ta' akkwarju **jista' jkollha karattru distintiv peress li l-kelma "wave" ma tiddekrivix karatteristika ta' dawn il-lampi**.

→ [Sentenza Tetra GmbH tat-23 ta' Settembru 2020, T-869/19](#)

Kien preċiżament minħabba **n-natura dgħajfa tal-karattru distintiv ta' żewġ sinjali** li jirrappreżentaw **qarn li jindika servizzi postali** li l-Qorti Ġenerali **eskludiet probabbiltà ta' konfużjoni** bejniethom. Ir-rappreżentazzjoni ta' qarn postali, fuq sfond li ħafna drabi jkun isfar, tintuża tradizzjonalment mill-operaturi postali nazzjonali fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, il-pubbliku ma jassoċjax il-qarn postali jew il-kulur isfar ma' kumpannija partikolari iżda, b'mod iktar ġenerali, ma' numru indeterminat ta' operaturi postali nazzjonali.

→ [Sentenza Deutsche Post tal-11 ta' Novembru 2020, T-25/20](#)



Għal darba oħra dwar il-probabbiltà ta' konfużjoni bejn żewġ trade marks, iżda din id-darba bejn trade marks iddepożitati fir-rigward ta' oġġetti u f'hejjeġ tal-isports, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li **r-reputazzjoni tal-plejer tal-futbol Lionel Messi hija ta' natura li tinnewtralizza kull probabbiltà ta' konfużjoni** bejn it-trade mark MESSI tiegħu u t-trade mark preċedenti MASSI li tappartjeni lil kumpannija Spanjola.

→ [Sentenza Messi tas-17 ta' Settembru 2020, C-449/18 P u C-474/18 P](#)

F'kawża oħra li tikkonċerna l-kwistjoni tal-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, il-Qorti Ġenerali enfasiszta ukoll li **l-preżenza tal-istess kelma f'żewġ trade marks** (f'dan il-każ, il-kelma "Teruel" fit-trade marks AIRESANO BLACK EL IBERICO DE TERUEL u JAMON DE TERUEL CONSEJO REGULADOR DE LA DENOMINACION DE ORIGEN) **ma hijiex biżżejjed sabiex toħloq probabbiltà ta' konfużjoni**.

→ [Sentenza Consejo Regulador tat-28 ta' Mejju 2020, T-696/18](#)

Fir-rigward tal-kriterju ta' xebh bejn żewġ trade marks, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li t-trade mark verbali LOTTOLAND, iddepożitata għal servizzi industrijali, għandha **xebh qawwi** mat-trade marks figurattivi preċedenti LOTTO, iddepożitati għal loġġob tal-ażżard. Madankollu, il-Qorti Ġenerali osservat li ma hemm ebda rabta bejn dawn it-trade marks fid-dawl, b'mod partikolari, **tan-natura differenti tas-servizzi kkonċernati u tal-pubbliku rilevanti**. Minħabba din **l-assenza ta' rabta**, l-użu tat-trade mark LOTTOLAND **ma jibbenefikax indebitament mill-karattru distintiv jew mir-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti u ma jagħtix lok għal riskju li jikkawżawhom ħsara**.

→ [Sentenza Lottoland tal-11 ta' Novembru 2020, T-820/19](#)

Jista' jkun il-każ li tilwima dwar sinjali distintivi ma tkunx bejn individwi jew impriżi iżda bejn Stati Membri. Dan kien il-każ ta' tilwima dwar l-użu tal-kelma **"Teran"** fir-rigward ta' varjetà tal-għeneb tal-inbid użata fis-Slovenja u fil-Kroazja. Wara l-adeżjoni, fl-2004, tas-Slovenja mal-Unjoni, dan l-isem ġie rrikonoxxut bħala denominazzjoni tal-orijini protetta (DOP). Fl-2017, ġie stabbilit, permezz ta' regolament, li l-kelma "Teran" setgħet tintuża wkoll, sa mill-adeżjoni fl-2013 tal-Kroazja mal-Unjoni, **fir-rigward ta' ċerti nbejjed Kroati**. Il-Qorti Ġenerali **ċaħdet it-talba tas-Slovenja** għall-annullament ta' dan ir-regolament li jippermetti lid-**DOP jeżistu flimkien b'mod paċifiku mingħajr ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi**.

→ [Sentenza Is-Slovenja vs Il-Kummissjoni tad-9 ta' Settembru 2020, T-626/17](#)





## Funzjonament tal-istituzzjonijiet Ewropej

Iż-żewġ qrati tal-Unjoni għandhom jivverifikaw li l-atti (jew l-ommissjoni li jiġu adottati ċerti atti) tal-istituzzjonijiet, korpi u organi tal-Unjoni josservaw id-dritt tal-Unjoni. B’hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali jiggarrantixxu l-protezzjoni għudizzjarja tad-drittijiet tal-individwi meta dawn tal-aħħar ikunu direttament u individwalment ikkonċernati minn deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, huma biss il-qrati nazzjonali li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu l-legalità, fid-dawl tad-dritt nazzjonali, tal-atti tal-awtoritajiet nazzjonali.

.....

Il-qrati tal-Unjoni ġew aditi, diversi drabi, minn **O. Junqueras i Vies**, il-Viċi President tal-Gobierno autonómico de Cataluña (il-Gvern Awtonomu ta’ Cataluña, Spanja), dwar l-elezzjoni tiegħu fil-Parlament Ewropew fl-2019. Il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali, u mbagħad il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta’ proċedura ta’ appell, ivaħdu t-talba tiegħu għal miżuri provviżorji intiża li tiġi protetta l-immunità parlamentari tiegħu. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddikjarat **inammissibbli t-talba tiegħu għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tikkonstata li s-siġġu tiegħu kien vakanti**. Fil-fatt, il-Parlament Ewropew ma setax idaħħal inkwistjoni d-deċiżjonijiet tal-awtoritajiet Spanjoli li kienu ddikjaraw, fuq il-bażi tad-dritt nazzjonali, li l-mandat ta’ O. Junqueras i Vies kien spiċċa u li s-siġġu tiegħu fil-Parlament Ewropew kien vakanti.

➔ [Digriet Junqueras i Vies tat-3 ta’ Marzu 2020, T-24/20 R](#)

➔ [Digriet Junqueras i Vies tat-8 ta’ Ottubru 2020, C-201/20 P\(R\)](#)

➔ [Digriet Junqueras i Vies tal-15 ta’ Diċembru 2020, T-24/20](#)



Il-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors intiż li jġi kkonstatat li l-Kunsill Ewropew kien irrifjuta, illegalment, li jeskludi lill-Prim Ministru Ċek, minħabba allegat kunflitt ta' interessi, minn laqgħat ta' din l-istituzzjoni dwar l-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriannwali tal-Unjoni 2021/2027. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali qieset li **huma biss l-Istati Membri li għandhom il-kompetenza sabiex jiddeterminaw, minn fost il-kapijiet tal-Istat jew tal-gvern rispettivi, liema waħda minn dawn il-persuni għandha tirrappreżentahom fil-laqgħat tal-Kunsill Ewropew** u sabiex jistabbilixxu r-raġunijiet li jstgħu jwasslu għall-impossibbiltà, għal waħda minn dawn il-persuni, li tirrappreżentahom fil-laqgħat ta' din l-istituzzjoni.

→ [Digriet Wagenknecht  
tas-17 ta' Lulju 2020, T-715/19](#)

H. Shindler u ċittadini oħra tar-Renju Unit ilhom żmien twil residenti fl-Italja u fi Franza. Għaldaqstant, huma la setgħu jipparteċipaw fir-referendum dwar Brexit u lanqas fl-elezzjonijiet leġiżlattivi tal-2017, minkejja li dawn il-votazzjonijiet kienu determinanti għaż-żamma tal-kwalità tagħhom bħala ċittadini tal-Unjoni. Huma għalhekk ippreżentaw rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż li jġi "ikkonstatat in-nuqqas li tittieħed azzjoni" min-naħa tal-Kummissjoni minħabba "l-ommissjoni illegali tagħha li ma tħarisx iċ-ċittadinanza Ewropea". Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors billi ddeċidiet li **l-Kummissjoni ma għandhiex kompetenza** sabiex tadotta att vinkolanti intiż li jżomm, b'effett mill-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, iċ-ċittadinanza Ewropea ta' ċerti ċittadini tar-Renju Unit.

→ [Digriet Shindler  
tal-14 ta' Lulju 2020, T-627/19](#)



# B | IĊ-ĊIFRI EWLENIN TAL-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

### Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tisma' kawżi, prinċipalment, dwar

- **talbiet għal deċiżjoni preliminari**, meta qorti nazzjonali jkollha dubji dwar l-interpretazzjoni ta' att adottat mill-Unjoni jew dwar il-validità tiegħu. F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali tissospendi l-kawża quddiemha u tagħmel talba lill-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħti deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet inkwistjoni jew dwar il-validità tagħhom. Ladarba tingħata d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-qorti nazzjonali tkun tista' taqta' l-kawża quddiemha. Għall-kawżi li jirrikjedu risposta fi żmien qasir ħafna (pereżempju fil-qasam tal-ażil, tal-kontroll mal-fruntieri, tal-ħtif ta' minuri, eċċ.), hija prevista **proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari**;
- **appelli**, mid-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali, li huma rimedji ġudizzjarji li fil-kuntest tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tannulla deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali;
- **rikorsi diretti**, li jfittxu prinċipalment:
  - li att tal-Unjoni jiġi annullat ("**rikors għal annullament**") jew
  - li jiġi kkonstatat li Stat Membru naqas milli jwettaq obbligu taħt id-dritt tal-Unjoni ("**rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu**"). Jekk l-Istat Membru ma jikkonformax ruħu mas-sentenza li tkun ikkonstatat in-nuqqas, rikors ieħor, imsejjaħ "**rikors għat-tieni nuqqas**", jista' jwassal lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuqu sanzjoni pekunjarja;
- talbiet għal **opinjoni** dwar il-kompatibbiltà mat-Trattati ta' ftehim li l-Unjoni tkun qiegħda tippjana li tikkonkludi ma' Stat terz jew ma' organizzazzjoni internazzjonali. Din it-talba tista' titressaq minn Stat Membru jew minn istituzzjoni Ewropea (il-Parlament, il-Kunsill jew il-Kummissjoni).



# 735

Kawża mressqa

**Proċeduri għal deċiżjoni preliminari**

# 556

li minnhom 9 bil-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni

**Stati Membri li minnhom prinċipalment joriġinaw it-talbiet**

Il-Ġermanja	139
L-Awstrija	50
L-Italja	44
Il-Polonja	41
Il-Belġju	36

# 37

**Rikors dirett**

li minnhom

# 18-il

**rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu u**

minnhom

# 2

rikorsi għat-"**tieni nuqqas**"

# 131

**Appell** minn  
deċiżjonijiet tal-  
Qorti Ġenerali

# 1

Talba għal **opinjoni**

# 8

Talbiet għal  
għajjnuna legali

Parti fil-kawża li ma tkunx  
tista' tħallas għall-ispejjeż  
tal-kawża tista' titlob li  
tibbonefika mill-għajjnuna  
legali b'xejn.



# 792

Kawża magħluqa

# 534

**Proċedura**  
għal deċiżjoni  
preliminari

li minnhom **9**  
proċeduri b'urġenza  
għal deċiżjoni  
preliminari

# 37

**Rikors dirett**

li minnhom  
**26**  
**nuqqas ikkonstatat**  
kontra **14**-il Stat Membru

li minnhom  
**3**  
sentenzi għat-**"tieni**  
**nuqqas"**

# 204

 Appelli  
minn deċiżjonijiet  
tal-Qorti Ġenerali

li minnhom  
**40**  
annullaw id-deċiżjoni  
adottata mill-Qorti  
Ġenerali

Tul medju tal-proċeduri

# 15.4

 xhur

Proċeduri b'urġenza għal  
deċiżjoni preliminari

# 3.9

 xhur




# 1 045

Kawża pendenti

fil-31 ta' Diċembru 2020

## Oqsma prinċipali ttrattati

<b>Agrikoltura</b>	<b>26</b>
<b>Ambjent</b>	<b>48</b>
<b>Dritt soċjali</b>	<b>56</b>
<b>Għajnuna mill-Istat u kompetizzjoni</b>	<b>104</b>
<b>Libertajiet ta' moviment u ta' stabbiliment u suq intern</b>	<b>96</b>
<b>Proprjetà intellettuali u industrijali</b>	<b>27</b>
<b>Protezzjoni tal-konsumatur</b>	<b>56</b>
<b>Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja</b>	<b>119</b>
<b>Tassazzjoni</b>	<b>95</b>
<b>Trasport</b>	<b>86</b>
<b>Unjoni doganali</b>	<b>24</b>





# Il-Qorti Ġenerali

Il-Qorti Ġenerali tista' tintalab tisma' kawżi, fl-ewwel istanza, dwar rikorsi diretti ppreżentati mill-**persuni fiżiċi jew ġuridiċi (kumpanniji, assoċjazzjonijiet, eċċ.) u mill-Istati Membri** kontra l-atti tal-istituzzjonijiet, tal-korpi jew tal-organi tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll dwar rikorsi diretti intiżi għal kumpens għal danni kkawżati mill-istituzzjonijiet jew mill-persunal tagħhom. Il-parti l-kbira tal-kawżi huma ta' natura ekonomika: proprjetà intellettuali (trade marks u disinni tal-Unjoni Ewropea), kompetizzjoni, għajjnuna mill-Istat, u superviżjoni bankarja u finanzjarja.

Il-Qorti Ġenerali hija wkoll kompetenti sabiex taqta' kawżi fil-qasam tas-servizz pubbliku dwar tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha.

Mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali jista' jiġi ppreżentat appell, fuq punti ta' liġi biss, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kawżi li diġà jkunu bbenefikaw minn eżami doppju (minn Bord tal-Appell indipendenti, imbagħad mill-Qorti Ġenerali), il-Qorti tal-Ġustizzja tammetti l-appell biss jekk dan l-appell iqajjem kwistjoni importanti għall-unità, għall-koerenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.



## 847

Kawża mressqa

## 729

Rikors dirett li minnhom

## 69

Għajjnuna mill-Istat u kompetizzjoni (inklużi **2** rikorsi ppreżentati mill-Istati Membri)

## 282

Proprjetà intellettuali u industrijali

## 118

Servizz pubbliku tal-Unjoni

## 260

rikors dirett ieħor (inklużi **10** rikorsi ppreżentati mill-Istati Membri)

Talbiet għal għajjnuna legali

## 75

Parti fil-kawża li ma tkunx tista' tħallas għall-ispejjeż tal-kawża tista' titlob li tibbenefika mill-għajjnuna legali b'xejn.



# 748

Kawża magħluqa

# 631

Rikors dirett  
li minnhom

# 41

Għajnuna mill-Istat  
u kompetizzjoni

# 237

Proprjetà intellettuali  
u industrijali

# 79

Servizz pubbliku tal-Unjoni

# 274

rikors dirett ieħor

Tul medju tal-proċeduri:

# 15.4

 xhur

Proporzjon ta' deċiżjonijiet li  
minnhom sar appell quddiem  
il-Qorti tal-Ġustizzja:

# 23 %



Kawżi pendenti  
fil-31 ta' Diċembru 2020

# 1 497

## Suġġett prinċipali tar-rikors

Aċċess għal dokumenti	24
Agrikoltura	21
Ambjent	14
Għajnuna mill-Istat	292
Kompetizzjoni	78
Kuntratti pubbliċi	21
Miżuri restrittivi	65
Politika ekonomika u monetarja	156
Proprjetà intellettuali u industrijali	319
Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni	182







# 3

## Sena kkaratterizzata minn adattament u minn kontinwità fis-servizz pubbliku tal-ġustizzja Ewropea

A | Introduzzjoni mir-Reġistratur

B | Il-fażijiet tal-ġestjoni tal-kriżi

C | Il-bilanċ tal-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fi żminijiet ta' pandemija

### ĦARSA LEJN

- Is-seduti għas-sottomissjonijiet orali mill-bogħod
- Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku
- Il-kontribut tad-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu għall-kontinwità tal-funzjonament tal-istituzzjoni
- It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-isfida ppreżentata mill-pandemija

## A | Introduzzjoni mir-Reġistratur



**Ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-Segretarju Ġenerali tal-Istituzzjoni, imexxi d-dipartimenti amministrattivi taħt l-awtorità tal-President. Huwa xhud tal-impenn mid-dipartimenti sabiex isostnu l-attività ġudizzjarja matul sena li fiha dawn id-dipartimenti kellhom iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet bla preċedent.**


Fuq livell individwali, is-sena 2020 kienet sena diffiċli għal kulħadd minħabba restrizzjonijiet, mard u inċertezza li kienu l-karatteristiċi ewlenin ta' din is-sena.

Fuq il-livell tal-ġestjoni tad-dipartimenti tal-istituzzjoni, din il-ġestjoni kienet sfida kunsiderevoli mwettqa b'determinazzjoni, b'organizzazzjoni u b'adattabilità. Kien meħtieġ, fi żmien qasir ħafna, li titwettaq metamorfosi sħiħa tal-mod ta' funzjonament tal-Istituzzjoni. Kull dipartiment kellu jadatta ruħu, ifittex modi innovattivi sabiex jaħdem u sabiex isib saqajh mill-ġdid.

Fortunatament, l-Istituzzjoni setgħet tibbaża ruħha fuq struttura u fuq proċeduri li kienu ġew stabbiliti għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Din l-istruttura hija bbażata fuq ċellola ta' kriżi, li għandha l-kompetenza tadotta, fuq il-livell tal-Istituzzjoni kollha, id-deċiżjonijiet il-kbar marbuta mas-sitwazzjoni ta' kriżi u mal-evoluzzjoni tagħha. Din iċ-ċellola tiegħu l-miżuri ġenerali li jkunu meħtieġa (regoli dwar ix-xogħol mill-bogħod, miżuri ta' natura trażversali marbuta mal-ġestjoni tal-persunal...). Dawn id-deċiżjonijiet ġenerali mbagħad jiġu implimentati fil-livell taċ-ċentru

għall-immaniġġjar ta' kriżi (CMC), li huwa kkonstitwit minn rappreżentanti taċ-ċelloli operattivi kollha li jiżguraw il-kontinwità tal-attivitàjiet fi ħdan kull dipartiment. Fil-kuntest tal-laqgħat regolari tiegħu, iċ-CMC żgura wkoll il-mogħdija ta' informazzjoni liċ-ċellola ta' kriżi sabiex din tkun tista' tkun ta' gwida fis-sitwazzjoni.

Din il-governanza tal-kriżi, b'kollaborazzjoni mill-qrib bejn id-dipartimenti u ż-żewġ qrati li jiffurmaw l-Istituzzjoni, ippermettiet li tittieħed **azzjoni koerenti mfassla madwar tliet għanijiet paralleli u interdipendenti:** is-sigurtà sanitarja tal-persunal u tal-persuni li jkollhom bżonn jidħlu fil-bini tal-istituzzjoni, il-kontinwità tal-attività ġudizzjarja, u l-appoġġ lill-persunal.



→ Sabiex tiġi żgurata **s-sigurtà sanitarja fi ħdan il-bini tal-istituzzjoni u sabiex il-persunal jiġi mħares** kontra riskju ta' kontaminazzjoni, sa mill-10 ta' Marzu ġie deċiż li l-kompiti li setgħu jitwettqu mid-dar kellhom jitwettqu b'dan il-mod. Din **is-sistema ta' xogħol mid-dar** ġiet imbagħad estiża b'mod ġeneralizzat u saret obbligatorja b'effett mit-Tnejn 16 ta' Marzu, saħansitra qabel ma ġie ordnat il-lockdown mill-awtoritajiet nazzjonali. B'hekk, il-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja sar inaċċessibbli, ħlief għall-persuni meħtieġa jeżerċitaw funzjonijiet essenzjali li ma jistgħux jiġu eżerċitati mill-bogħod. Permezz ta' monitoraġġ permanenti tal-evoluzzjoni sanitarja u regolamentari tas-sitwazzjoni fil-Lussemburgu u fil-pajjiżi ġirien imwettaq mid-dipartiment tas-sigurtà kif ukoll mid-dipartiment mediku, b'kooperazzjoni regolari mal-awtoritajiet Lussemburgiżi, din is-sistema ġiet aġġustata skont fażijiet differenti, bil-għan li jintlaħaq bilanċ bejn il-kundizzjonijiet sanitarji, ir-rata ta' frekwentazzjoni tal-bini, iż-żamma tal-attività ġudizzjarja u l-ħtiġijiet tal-persunal.

Flimkien mas-sistema ta' xogħol mill-bogħod, waħda mill-istrumenti prinċipali tal-protezzjoni tas-saħħa tal-persuni kienet **id-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' protokollu sanitarji preċiżi u rigorużi**. Sabiex tiżgura l-kontinwità tal-ġustizzja fl-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fetħet mill-ġdid l-awli tagħha fil-25 ta' Mejju. B'hekk, kien meħtieġ li tiġi ġestita – minn perspettiva loġistika u ta' sigurtà sanitarja – il-preżenza ta' kuljum fil-bini mhux biss tal-membri tal-persunal meħtieġa għall-organizzazzjoni tas-seduti iżda wkoll ta' avukati u ta' aġenti ġejjin mill-Unjoni Ewropea kollha. Il-miżuri partikolarment eżiġenti implimentati (teħid tat-temperatura qabel l-aċċess fil-bini; l-ilbies obbligatorju ta' maskra fiż-żoni komuni u matul is-seduta, osservanza ta' distanza fiżika permezz ta' separazzjoni tal-passaġġi fejn wieħed jimxi, diżinfettazzjoni tal-postijiet iffrekwentati, installazzjoni ta' distributori ta' ġel idro alkoħoliku, screens protettivi, twaħħil ta' sinjali, għoti ta' informazzjoni permezz ta' diversi komunikazzjonijiet) ippermettew li jiġi ggarantit l-ogħla livell ta' protezzjoni għall-persuni kollha involuti, filwaqt li offrew lil dawn tal-aħħar kundizzjonijiet ta' akkoljenza sodisfaċenti.

→ Il-bidu mill-ġdid tas-seduti pubbliċi kien meħtieġ sabiex **tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizz pubbliku tal-ġustizzja Ewropea**. Qabel reġgħu bdew is-seduti, l-attività ġudizzjarja setgħet tinżamm bit-trattament mill-bogħod tal-kawżi b'mod partikolari permezz ta' modalitajiet proċedurali adattati. Ir-rappreżentanti tal-partijiet ġew debitament informati dwar il-konsegwenzi proċedurali li jirriżultaw mill-kuntest ta' kriżi u dwar il-miżuri adottati mir-Reġistri tal-qrati u permezz ta' spazju speċifiku fis-sit internet tal-istituzzjoni.

Minn **perspettiva teknika**, id-dipartimenti tal-informatika tal-Istituzzjoni bdew, fi Frar, iħaffu l-programm li kien maħsub sabiex tingħata l-għodda meħtieġa għax-xogħol mill-bogħod. Il-bandwidth ġiet estiża b'10 darbiet fl-ewwel ġimgħat wara d-data tal-ewwel lockdown u sistema ta' sigurtà audio u mbagħad ta' vidjokonferenza tqiegħdet fi żmien qasir għad-dispożizzjoni tad-dipartimenti kollha.



Kif jiddeskrivu fid-dettall il-paġni li ġejjin, l-istituzzjoni kienet innovattiva sabiex tafronta d-diffikultajiet tal-ivvjaġġar ta' ċerti rappreżentanti tal-partijiet. Permezz ta' ħidma notevoli ta' kooperazzjoni bejn id-dipartimenti, iż-żewġ qrati u r-Reġistri tagħhom, tnejn sistema unika ta' parteċipazzjoni għas-seduti mill-bogħod permezz ta' vidjokonferenza, li toffri l-interpretazzjoni simultanja potenzjalment lejn u minn l-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni.

Fl-aħħar nett, fil-kuntest ta' **ġestjoni effettiva tar-riżorsi**, saret b'mod regolari assenzjazzjoni mill-ġdid temporanja ta' ċerti membri tal-persunal li fir-rigward tal-funzjonijiet tagħhom kien hemm tnaqqis ta' attività lejn dipartimenti oħra li, għall-kuntrarju, kienu qegħdin jaffaċċjaw żieda kbira fix-xogħol tagħhom. Din is-solidarjetà u dan l-arrikkiment reċiproku ta' kompetenzi u ta' esperjenzi servew ta' għajjnuna sabiex jingħelbu d-diffikultajiet u ser ikunu utli wkoll sabiex il-persunal jerġa' lura b'suċċess lejn il-bini tal-istituzzjoni

- L-aħħar għan imfittex fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kriżi kien dak li **jingħata appoġġ lill-persunal matul dan il-perijodu kollu** bla preċedent u kkaratterizzat minn sitwazzjonijiet personali diffiċli.

Ingħatat attenzjoni partikolari għall-persunal kollu, kemm jekk kienu involuti persuni milquta mill-virus jew li kienu esposti għal riskju ta' kontaminazzjoni, persuni iżolati jew persuni li kellhom jieħdu ħsieb tfal li kellhom jibqgħu d-dar. Dawn il-persuni rċevew l-assistenza tad-dipartiment tar-riżorsi umani, tat-tobba konsulenti u tal-infermiera tad-dipartiment mediku, u tal-konsulenta psikologa. Il-kapijiet tad-dipartimenti wkoll ħadu inkunsiderazzjoni, f'approċċ ikkaratterizzat mill-premura, dawn is-sitwazzjonijiet speċifiċi sabiex jadattaw il-modalitajiet ta' eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom min-naħa tal-persuni kkonċernati.

Barra minn hekk, sa mill-ewwel ħjiel tal-kriżi, l-istituzzjoni tat attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li **tiggi żgurata komunikazzjoni ċara, aċċessibbli, koerenti u rilevanti** fir-rigward tal-persunal tagħha. Ġew stabbiliti mezzi ta' komunikazzjoni komplementari u strutturati, kull wieħed bl-iskop partikolari tiegħu: sit intranet li jospita l-informazzjoni rilevanti kollha,

messaġġi importanti mibgħuta fuq l-indirizzi professjonali u privati minn indirizz funzjonali speċifiku u permezz ta' SMS, komunikazzjonijiet lill-persunal ta' natura operattiva mibgħuta permezz ta' ittra elettronika u maħsuba sabiex jagħtuh informazzjoni b'mod regolari dwar l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni u dwar il-miżuri ta' appoġġ implimentati.

L-offerta ta' **taħriġ** mill-bogħod (e-learning) issaħħet sabiex tippermetti lill-kollaboraturi jkomplu jiżviluppaw il-kompetenzi tagħhom. Il-membri tal-persunal f'pożizzjoni ta' tmexxija superjuri u intermedjarja wkoll seggew taħriġ speċifiku dwar il-ġestjoni ta' timijiet mill-bogħod.

Inżammu **żewġ stħarriġijiet** indirizzati, rispettivament, lill-persunal kollu u lill-membri tal-persunal f'pożizzjoni ta' tmexxija, sabiex tiġi evalwata l-impressjoni tagħhom tal-modalitajiet ta' xogħol implimentati kemm bil-għan li jitwettqu ċerti aġġustamenti u kemm bil-għan li jiġu kkunsidrati l-perspettivi fuq perijodu itwal ta' żmien tal-innovazzjonijiet implimentati fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kriżi.



Fl-aħħar nett, fil-kuntest **tal-qafas interistituzzjonali** tal-Kulleġġ tal-Kapijiet tal-Amministrazzjoni tal-Istituzzjonijiet u tal-Korpi li għandhom is-Sede Tagħhom fil-Lussemburgu, sa minn Diċembru 2020 kienet diġà ġiet stabbilita bażi ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet Lussemburgiżi kompetenti sabiex l-istituzzjonijiet jikkontribwixxu, sa fejn jippermettu r-riżorsi tagħhom, għas-suċċess tal-**kampanja ta' tilqim** tal-persunal tal-istituzzjonijiet.

Il-kriżi tal-pandemija u l-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet sabiex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tagħha fuq l-organizzazzjoni tal-Istituzzjoni wasslu għal pass ħafna iktar mgħaġġel u impressjonanti fl-evoluzzjonijiet li kienu għaddejjin jew li kienu anki sempliċement fl-istadju ta' tfassil.


Lil hinn mill-fatt li aħna kburin li flimkien irnexxielna **nżommu livell ta' attività kważi ekwivalenti għal dak li lħaqna fil-passat, irnexxielna nkomplu bil-proġetti li kienu għaddejjin u rnexxielna noffru, fl-istess ħin, l-aħjar kundizzjonijiet ta' sigurtà sanitarja**, il-ġestjoni ta' dan il-perijodu bla preċedent għall-istituzzjoni għandha tagħti lok għal **bidliet dejjema u pożittivi** fil-mod kif nifhmu l-modalitajiet tax-xogħol, u anki r-relazzjoni tax-xogħol stess, kif ukoll il-potenzjal tal-preżenza virtwali.

Ix-xogħol mid-dar (totali jew parzjali) jikkostitwixxi realtà għall-persunal kollu b'effett mis-16 ta' Marzu 2020. Id f'id mal-implimentazzjoni ta' din l-organizzazzjoni li kienet imposta miċ-ċirkustanzi, **l-isfidi ta' sitwazzjoni ġdida** bdew joħorġu b'mod naturali: id-diġitalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tal-flussi deċiżjonali, l-għoti ta' prijorità lill-awtonomija tal-kollaboraturi u l-garanzija tal-kwalità tar-rendiment tagħhom, ir-reviżjoni tal-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata, il-kollaborazzjoni fi u mal-Istituzzjoni, il-ħolqien ta' relazzjoni eqreb mal-interlokuturi esterni – istituzzjonijiet jew ċittadini – permezz tal-opportunitajiet li jippreżentaw it-teknoloġiji l-ġodda.

Ladarba ma jkunx għad hawn il-limitazzjonijiet marbuta mal-pandemija, l-Istituzzjoni għandha **tħares ir-riżultati ta' dawn l-iżviluppi, fil-kuntest ta' ritorn lejn ħajja professjonali f'kundizzjonijiet ġodda u mtejba**. L-ostakoli li kellna naffrontaw huma daqstant ieħor esperjenzi li għamluna, individwalment u kollettivament, iktar b'saħħitna, responsabbli u solidali. U jekk l-istituzzjoni rnexxielha taffronta kuntest daqstant diffiċli b'suċċess, dan kien bis-saħħa tal-impenn u tal-kollaborazzjoni tal-kollaboraturi tagħha, kif ukoll tad-dedikazzjoni u tal-premura tal-membri tal-persunal f'pożizzjonijiet tat-tmexxija tagħha. Fil-futur hija ser tkun tista' tistrieħ fuq dawn il-kwalitajiet sabiex tipprepara għar-reintegrazzjoni tal-persunal tagħha u sabiex trawwem ambjent fejn il-mobbiltà u r-responsabbiltà jkunu fost il-parametri mġedda tal-organizzazzjoni tagħha.



Alfredo Calot Escobar  
Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja



## B | Il-fażijiet tal-ġestjoni tal-kriżi

Fid-dawl tas-sitwazzjoni sanitarja fl-Unjoni Ewropea u fid-dawl tal-miżuri adottati mill-awtoritajiet tal-Lussemburgu u minn dawk tal-Istati Membri l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, sa mill-10 ta' Marzu, li l-kompiti li setgħu hekk jitwettqu kellhom jitwettqu mid-dar mill-persuni li kellhom iwettquhom. **Fit-13 ta' Marzu 2020**, fid-dawl tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni sanitarja fl-Ewropa u sabiex tiġi miġġielda l-imxija tal-virus filwaqt li tinżamm l-attività ġudizzjarja tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja ordnat lill-persunal tagħha jaħdem mid-dar b'effett mis-16 ta' Marzu, ħlief għall-persuni li jeżerċitaw funzjonijiet kritiċi. Il-mira imperattiva tal-istituzzjoni kienet li tippoteġi lill-persunal tagħha u lill-parteċipanti fis-seduti, filwaqt li tillimita kemm jista' jkun il-konsegwenzi negattivi tas-sitwazzjoni kkawżata mill-pandemija tal-Covid-19 għall-individwi u għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja fl-Ewropa. Sabiex tiżgura l-kontinwità tas-servizz pubbliku tal-ġustizzja Ewropea u t-tkomplija tal-proċeduri, l-istituzzjoni kellha taffronta sfida teknoloġika u umana bla preċedent.



Xogħol  
mill-bogħod  
b'mod  
iġġeneralizzat

### Ir-regoli adottati f'Marzu 2020

Fuq il-bażi tal-istrutturi u tal-proċeduri li kienu diġà stabbiliti għall-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi, **ittieħdu d-dispożizzjonijiet kollha sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' persuni fil-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li l-attivitajiet tal-qrati u tad-dipartimenti setgħu jitkomplew** f'kundizzjonijiet qrib kemm jista' jkun dawk applikabbli fi żminijiet normali iżda adattati neċessarjament għaċ-ċirkustanzi eċċezzjonali.

#### → Il-protezzjoni tal-persunal

Sa mit-13 ta' Marzu 2020, l-Istituzzjoni **ordnat lill-persunal ma jmurx fil-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja, ħlief f'każijiet okkażjonali u neċessarji**. L-implimentazzjoni bikrija ta' strateġija ta' provvista ta' materjal informatiku ppermettiet l-offerta ta' aċċess mill-bogħod lill-parti l-kbira tal-membri tal-persunal sa minn Marzu u, b'mod progressiv, lill-persunal kollu fil-ġimgħat ta' wara.

#### → It-tkomplija tal-attività ġudizzjarja

Inizjalment prevista għal perijodu sas-27 ta' Marzu 2020, is-sospensjoni tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali kellha tiġi estiża **sal-25 ta' Mejju** minħabba r-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar fis-seħħ. Ir-Reġistri taż-żewġ qrati kkomunikaw mar-rappreżentanti tal-partijiet sabiex jinformatu dwar dawn il-posponimenti u sabiex jagħtuhom preċiżazzjonijiet dwar il-modalitajiet għat-tkomplija tal-proċedura u nfetħet paġna fis-sit internet tal-istituzzjoni.

Madankollu, it-trattament tal-**proċeduri ġudizzjarji urġenti** ġie żgurat matul dan il-perijodu u l-kawżi li kienu fi stat li jiġu deċiżi komplew jiġu ttrattati. **Bejn is-16 ta' Marzu u l-25 ta' Mejju, inqatgħu 51 kawża mill-Qorti Ġenerali, ingħataw 79 sentenza mill-Qorti tal-Ġustizzja u ġew ippreżentati 47 konklużjonijiet.**

It-trattament tal-kawżi ġie adattat għaċ-ċirkustanzi: deċiżjonijiet meħuda permezz tal-proċedura bil-miktub, domandi bil-miktub indirizzati lill-partijiet, organizzazzjoni ta' seduti għall-għoti ta' sentenzi u għall-qari ta' konklużjonijiet miġbura f'ġurnata waħda fil-ġimgħa, adattament tal-kundizzjonijiet tal-ftuħ ta' kont ta' aċċess e-Curia (applikazzjoni li tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mezz elettroniku).



Bidu mill-ġdid tas-seduti u dħul lura b'mod parzjali tal-membri tal-persunal

Massimu ta'  
**30 %**  
tal-membri tal-persunal  
fil-bini

## IR-REGOLI ADOTTATI B'EFFETT MINN MEJJU 2020

### → Il-bidu mill-ġdid tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali

Is-seduti għas-sottomissjonijiet orali **reġgħu bdew fil-25 ta' Mejju 2020**. Id-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja introduċew protokollu sanitarji rigorużi sabiex ikunu jistgħu jinżammu seduti fl-aħjar kundizzjonijiet ta' sigurtà għall-atturi ġudizzjarji kollha, inkluż il-pubbliku fid-dawl tal-prinċipju ta' seduti miftuħa għall-pubbliku.

Il-partijiet li ma setgħux jivvjaġġaw setgħu, bħala eċċezzjoni, jippreżentaw is-sottomissjonijiet orali mill-bogħod, taħt ċerti kundizzjonijiet. Għal dan il-għan, l-Istituzzjoni fasslet sistema speċifika ta' vidjokonferenza li kienet tippermetti l-interpretazzjoni simultanja minn u lejn l-24 lingwa tal-kawża. Ġew adottati wkoll miżuri sanitarji speċifiċi fir-rigward tal-interpreti li setgħu jaħdmu fil-kabini tal-interpretazzjoni, b'persuna waħda f'kull kabina.

**Il-membri tal-persunal reġgħu bdew jidħlu, parzjalment, fil-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja** sabiex ikunu jistgħu jwettqu kompiti li ma setgħux jitwettqu mill-bogħod, b'mod partikolari fil-kuntest tal-bidu mill-ġdid tas-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Ix-xogħol mid-dar baqa' r-regola bil-għan li l-preżenza ta' persuni fil-bini titnaqqas għal dik li hija indispensabbli għall-funzjonament tal-istituzzjoni fid-dawl tal-bidu mill-ġdid tas-seduti, jiġifieri **bejn 20 u 30 % tal-membri tal-persunal**.

Fil-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja kellhom jiġu osservati regoli ta' iġjene u ta' żamma ta' distanza stretti ħafna, iddefiniti b'kollaborazzjoni mad-dipartiment mediku tal-istituzzjoni.

Fid-dawl tat-titjib fis-sitwazzjoni sanitarja, din is-sistema kienet temporanjament is-suġġett ta' estensjoni b'effett mill-21 ta' Settembru, fuq il-bażi ta' limitu massimu, stabbilit b'kollaborazzjoni mat-tobba konsulenti tal-Istituzzjoni, tan-numru ta' preżenzi ta' kuljum ammessi fil-bini sabiex jiġi ggarantit l-effett utli tal-protokollu sanitarji. Madankollu, is-sistema preċedenti ta' aċċess għall-bini tal-istituzzjoni għall-finijiet biss tal-organizzazzjoni tas-seduti u tad-deliberazzjonijiet reġgħet ġiet introdotta fis-26 ta' Ottubru minħabba d-deterjorament fis-sitwazzjoni sanitarja fil-Lussemburgu.





16

14



## C | Il-bilanċ tal-attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fi żminijiet ta' pandemija

Sabiex titwettagħ l-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja fiż-żmien tal-pandemija, kienet meħtieġa l-implimentazzjoni ta' miżuri sabiex jiġi ggarantit il-funzjonament tajjeb tal-ġustizzja Ewropea iżda wkoll sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni jibqgħu jiġu informati dwar id-drittijiet tagħhom u dwar l-azzjoni tal-qrati Ewropej. Kemm bl-iżvilupp ta' sistema li tippermetti li tiġi offruta l-possibbiltà li jiġu ppreżentati s-sottomissjonijiet orali mill-bogħod b'interpretazzjoni simultanja u kemm bl-azzjonijiet ta' komunikazzjoni interna u esterna, il-Qorti tal-Ġustizzja wriet inizzjattiva u adattabbiltà. Peress li l-aċċess għall-bini tal-istituzzjoni kien inizzjalment impossibbli u iktar tard kien suġġett għal regoli sanitarji stretti, l-attività normali taż-żjarat tal-pubbliku u tal-professionisti kif ukoll il-konsultazzjoni fil-post tax-xogħlijiet disponibbli fil-biblijoteka saru ħafna iktar rari. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja sabet soluzzjonijiet alternattivi.

# 252

seduta għal  
sottomissjonijiet orali

Inżamm total ta' **252 seduta għas-sottomissjonijiet orali** (li setgħu jikkonċernaw diversi kawżi ttrattati quddiem l-istess kulleġġ ġudikanti) **bejn il-25 ta' Mejju u t-22 ta' Diċembru 2020**. Dawn kienu jinkludu **40 seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bl-intervent ta' partijiet mill-bogħod** (bejn parti waħda u erba' partijiet) permezz ta' vidjokonferenza u **38 seduta quddiem il-Qorti Ġenerali bl-intervent ta' partijiet mill-bogħod** (bejn parti waħda u tliet partijiet).



Seduti li użaw il-vidjokonferenza (bejn il-25 ta' Mejju u t-22 ta' Diċembru)

Il-ħajja tal-istituzzjoni u l-attività amministrattiva ma waqfux lanqas: l-istituzzjoni laqgħet, bejn Marzu 2020 u Diċembru 2020 diversi **Membri ġodda**. Id-dħul fil-kariga tal-Avukat Ġenerali Franċiż, Jean Richard de la Tour, ta lok għal innovazzjoni: **it-teħid tal-ġurament tiegħu sar mill-bogħod**, permezz ta' screens ħdejn xulxin, fil-preżenza tal-President Lenaerts, tal-Avukat Ġenerali Ewlieni Szpunar u tar-Reġistratur Calot Escobar. Iktar tard, irnexxielhom jiġu fil-post, sabiex jieħdu l-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Athanasios Rantos, Avukat Ġenerali Grieg fl-10 ta' Settembru, Jan Passer, Imħallaf Ċek fil-Qorti tal-Ġustizzja, u Ineta Ziemele, Imħallaf Latvjana fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-6 ta' Ottubru, dejjem bl-applikazzjoni tal-miżuri ta' protezzjoni sanitarja meħtieġa.

**40**  
quddiem  
**il-Qorti  
tal-Ġustizzja**

**38**  
quddiem  
**il-Qorti Ġenerali**



Id-dipartimenti kollha tal-istituzzjoni kellhom jadattaw il-mod ta' komunikazzjoni interna tagħhom b'effett minn Marzu. Bl-użu tal-vidjokonferenza t-timijiet setgħu jiltaqgħu u jkomplu x-xogħol tagħhom mill-bogħod. B'hekk, bħala medja, inżammu iktar minn **150 vidjokonferenza jew awdjokonferenza fil-ġimgħa** għal laqgħat interni jew interistituzzjonali.



**150**

vidjokonferenza jew awdjokonferenza fil-ġimgħa

Fir-rigward tal-komunikazzjoni esterna, il-Qorti tal-Ġustizzja implimentat sensiela ta' azzjonijiet mill-bogħod permezz tal-użu tan-networks soċjali u tal-mezzi teknoloġiċi sabiex tilħaq kemm lill-pubbliku speċjalizzat u professjonali u kemm lill-pubbliku ġenerali u sabiex id-deċiżjonijiet tagħha jkunu jistgħu jibqgħu jirċievu diffużjoni adegwata ([ara l-p. 76](#)).

Matul is-sena li għaddiet, il-Qorti tal-Ġustizzja organizzat ukoll **29 avveniment protokollari** bi preżenza fiżika, b'osservanza ta' rekwiżiti partikolarment għolja, kif ukoll 5 żjarat uffiċjali u **5 udjenzi solenni**. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ospitat 171 maġistrat nazzjonali. Għalkemm fil-parti l-kbira tagħhom dawn iż-żjarat seħħew qabel ġew imposti restrizzjonijiet fuq l-aċċess minħabba l-ġlieda kontra l-imxija tal-coronavirus, il-Qorti tal-Ġustizzja rnexxielha tospita ċerti avvenimenti li ma setgħux jiġu evitati (impenn solenni tal-Membri tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Ewropew fit-28 ta' Settembru, udjenza solenni tad-dħul fil-kariga tal-Imħallfin Ineta Ziemele u Jan Passer fis-6 ta' Ottubru) li l-iżvolġiment tagħhom kellu jiġi adattat għar-restrizzjonijiet sanitarji.



**29**

avveniment protokollari

Fl-aħħar nett, il-Membri u l-persunal tal-istituzzjoni jistgħu jużaw ir-riżorsi tal-Biblijoteka, li għandha madwar 285 000 volum (fosthom 155 000 xogħol dwar, prinċipalment, id-dritt tal-Unjoni Ewropea), iktar minn 6 300 ktieb elettroniku, 490 abbonament ma' riviziti f'format stampat kif ukoll diversi mijiet f'format elettroniku li huma aċċessibbli permezz ta' databases (iktar minn mija). Fil-kuntest tal-pubblikazzjoni tal-ġurisprudenza, ġew ippubblikati 35 019-il dokument fil-Ġabra fl-2020. Mit-13 ta' Marzu 2020, il-punt ta' informazzjoni implimenta diversi mezzi għall-użu mill-bogħod tar-riżorsi fil-forma ta' dokumenti sabiex jikkompensa għall-għeluq tas-sala tal-qari għall-utenti (159 diġitalizzazzjonijiet fuq talba u 724 xogħol misluf permezz tal-Biblio-drive, li huwa sistema awtomatizzata għas-self u għar-ritorn ta' xogħlijiet).



**5**

udjenzi solenni





## Is-seduti għas-sottomissjonijiet orali mill-bogħod

**B'reazzjoni għar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar imposti mill-Istati Membri, l-Istituzzjoni żviluppat sistema ta' vidjokonferenza li tippermetti, b'mod eċċezzjonali, lir-rappreżentanti tal-partijiet li għalihom ikun impossibbli li jivvjaġġaw fiżikament lejn il-Lussemburgu jipparteċipaw, mill-bogħod, fis-seduta b'osservanza tal-multilingwiżmu. Żewġ utenti ta' din is-sistema jaqsmu l-esperjenza tagħhom f'dan ir-rigward.**

### Sottomissjonijiet orali mill-bogħod



**Xhieda mill-aġent tal-gvern li tirrappreżenta lir-Repubblika tal-Latvja fil-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, Viktorija Šoneca, Direttriċi, Ministeru għall-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Latvja**

"Huwa unur għaliġa li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea stednitni naqsam l-esperjenza tiegħi dwar l-użu tal-vidjokonferenza fil-kuntest tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali tal-Qorti tal-Ġustizzja filwaqt li nagħti l-impressjonijiet tiegħi dwar din is-sistema.

Nenfasizza, qabel kollox, li t-trasformazzjoni diġitali bdiet, fil-Unjoni Ewropea, ferm qabel l-2020. Madankollu, din is-sena ser tibqa' mfakkra fl-istorja mhux biss minħabba l-COVID-19 u l-konsegwenzi tiegħu iżda wkoll għall-passi kbar li ttieħdu fid-diġitalizzazzjoni bl-użu tal-vidjokonferenza fil-kuntest tas-seduti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

Dan għaliex, għalkemm il-lista tal-konsegwenzi negattivi tal-COVID-19 hija twila, il-pandemija ffaċilitat il-kisba ta' kompetenzi diġitali u ħaffet l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet diġitali fil-ħajja ta' kuljum. B'hekk, l-impriżi, l-istituzzjonijiet u l-individwi bdew jirrikorru għal soluzzjonijiet diġitali sabiex itejbu l-ħajja ta' kuljum tagħhom, sabiex jaħdmu aħjar u b'mod iktar effettiv u sabiex itejbu l-komunikazzjoni mal-qrati nazzjonali u mal-Qorti tal-Ġustizzja.

Fl-2020, l-Istati Membri u l-partijiet fil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kellhom il-possibbiltà jipparteċipaw, permezz ta' vidjokonferenza, fis-seduti għas-sottomissjonijiet orali quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Bis-saħħa ta' din it-teknoloġija, l-Istati Membri u l-partijiet setgħu jesprimu l-pożizzjoni tagħhom matul is-seduti għas-sottomissjonijiet orali u setgħu jwieġbu mhux biss għall-mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja iżda wkoll għall-mistoqsijiet u għall-kummenti tal-partijiet u tal-Istati Membri l-oħra. B'hal fil-każ ta' seduta għas-sottomissjonijiet orali fejn il-partijiet ikunu preżenti in situ, matul il-vidjokonferenza huwa disponibbli servizz ta' interpretazzjoni, li huwa possibbli bis-saħħa tal-kwantita kbira ta' xogħol min-

naħa tal-interpreti sabiex jittraduċu simultanjament dak li jkun qiegħed jingħad matul is-seduta sabiex il-parteċipanti kollha jkunu jistgħu jsejwu dak li jkun qiegħed jingħad.

L-iżvolġiment tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali ma nbidilx, filwaqt li l-aġenti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-partijiet jistgħu jibqgħu fil-pajjiż tagħhom u japparteċipaw mill-bogħod. Tali possibbiltà, naturalment, għandha l-vantaġġi tagħha, b'halma huma l-kumdità, is-sigurtà u l-fatt li wieħed jiffranka l-ħin marbut mal-ivvjaġġar, kif ukoll l-iżvantaġġi tagħha, b'halma hija, pereżempju, l-impossibbiltà li wieħed jikkondividi l-atmosfera fi ħdan il-Qorti tal-Ġustizzja permezz tal-esperjenza formidabbli kull darba li wieħed jidħol f'awla tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex jittratta, fiżikament, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Nenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja, billi għamlet possibbli l-użu tal-vidjokonferenza għas-seduti għas-sottomissjonijiet orali, uriet li hija lesta tadatta ruħha għaċ-ċirkustanzi u li l-proċeduri għandhom jikomplew minkejja l-kriżi sanitarja."



## L-isfidi bla preċedent tal-interpretazzjoni mill-bogħod



### Xhieda ta' Ignasi Vancells Mora, interpretu tal-konferenzi freelance

Iż-żamma ta' seduti li fihom ċerti partijiet jintervjenu mill-bogħod kellha konsegwenzi sinifikattivi fuq ix-xogħol tal-interpreti.

Interpretu freelance tal-lingwa Spanjola li jaħdem b'mod regolari għall-Qorti tal-Ġustizzja jispjega x'kien ifisser li wieħed jaħdem bħala interpretu għall-istituzzjonijiet Ewropej, u b'mod iktar partikolari għall-Qorti tal-Ġustizzja, matul din is-sena 2020.

"Is-sena 2020 kienet sena barra minn normal għal kulħadd. Għall-interpreti kollha, il-pandemija l-ewwel nett wasslet għal waqfien totali tal-attivitajiet tagħna minħabba, b'mod partikolari, l-annullament tal-laqgħat internazzjonali. Meta reġgħu bdew dawn l-attivitajiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol kienu kompletament differenti. Għall-interpreti freelance, din in-'normalità' l-għdida ħolqot numru ta' diffikultajiet: kif se nivvjaġġaw, fid-dawl tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, u kif ser naħdmu f'kundizzjonijiet sanitarji u tekniċi tajbin? Il-vidjokonferenza, li issa tippermetti l-organizzazzjoni ta' laqgħat fuq l-internet, qajmet numru sew ta' preokkupazzjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-konnessjonijiet mill-bogħod u dwar il-kwalità tal-ħoss, li rarament tkun ekwivalenti għal dik fl-awla. Huwa meħtieġ sforz doppju sabiex min ikun qiegħed jittellem jinftiehem u dan iwassal sabiex wieħed jgħejja ferm iktar malajr minn qabel.


Madankollu, ikolli ngħid li, fil-każ tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-konnessjonijiet mill-bogħod matul is-seduti huma ġeneralment ta' kwalità tajba. Naturalment, huwa impossibbli li tiġi ggarantita kwalità ottimali f'kull mument iżda, fil-fehma tiegħi, sar minn kollox sabiex tintlaħaq tali kwalità, b'mod partikolari permezz tat-testijiet imwettqa minn qabel mal-interpreti. Barra minn hekk, hemm skambju eċċellenti ta' komunikazzjoni sabiex il-partijiet u l-interpreti jiġu informati bil-quddiem dwar il-bidliet marbuta mal-modalitajiet il-ġodda tax-xogħol u dwar il-preparamenti meħtieġa. L-interpreti freelance jiġu informati b'mod ċar dwar dan sa mill-konklużjoni tal-kuntratt.

L-istituzzjoni ddedikat sforzi kbar sabiex tiżgura l-aħjar kundizzjonijiet tax-xogħol possibbli. Bqajt impressjonat bis-serjetà u bir-reqqa tal-miżuri sanitarji: minbarra dak li jsir normalment, l-interpreti la jikkondivdu oġġetti (laptops, headphones), u lanqas uffiċċji.

Lanqas ma għadna nikkondivdu l-istess kabina. Dan jagħmilha ħafna iktar diffiċli sabiex nikkomunikaw, jew sempliċement sabiex nisimgħu l-interpretazzjoni tal-kollegi tagħna. Dan jista' jfjixkel l-uniformità fit-terminoloġija li nużaw. Fil-fatt aħna qed ikollna nikkordinaw dan minn qabel. Meta niltaqgħu ma' xi diffikultà jew oħra (kwistjoni terminoloġika, problema teknika, eċċ.), huwa iktar diffiċli li ngħinu lil xulxin waqt li nkunu qegħdin ninterpretaw. Fil-każ ta' ċerti kwistjonijiet nikkomunikaw bis-sinjali, f'każijiet oħra biċ-ċellulari jew b'messaġġi instantanji.

F'dan il-kuntest, il-preparazzjoni għas-seduta hija fundamentali u l-Qorti tal-Ġustizzja hija, barra minn hekk, l-unika istituzzjoni fejn l-interpreti freelance jiddedikaw ġurnata ta' xogħol, bħall-interpreti permanenti. Dwar dan il-punt, prattikament, ma osservajt ebda differenza minn meta faqqgħet il-pandemija. Il-kollegi tagħna huma dejjem disponibbli, minkejja li żdied ħafna iktar l-użu tal-posta elettronika u tal-SMS u ma għadniex ikollna konverżazzjonijiet informali fil-kuritur.

Naħseb li, fil-bidu, ħafna kienu mbeżża' u kienu qegħdin jipprovaw jipprevedu l-konsegwenzi li l-pandemija seta' jkollha fuq il-professjoni tagħna. Iżda, ladarba għaddejna mill-qatgħa tal-ewwel mument, fittixna soluzzjoni u adattajna ruħna sabiex noħorġu minn dan il-perijodu diffiċli."





## Ir-relazzjonijiet mal-pubbliku

**Id-djalogu mal-professionisti tad-dritt u mal-pubbliku ġenerali kompli fl-2020. Filwaqt li nżammu l-metodi tradizzjonali, dan id-djalogu intensifika fuq il-metodu virtwali, b'mod partikolari bis-saħħa tas-servizzi ta' vidjokonferenza u tal-pjattaformi tan-networks soċjali.**



**127**  
grupp ta' viżitaturi

b'total ta'  
**3 729**  
persuna



**21**  
żjara virtwali

b'total ta'  
**798**  
persuna

Id-Direttorat tal-Komunikazzjoni kompli juża l-mezzi ta' komunikazzjoni tradizzjonali iżda tqiegħdet enfasi fuq użu iktar estiż tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali. Bejn **is-16 ta' Marzu u t-22 ta' Diċembru 2020** inħarġu **142 stqarrija għall-istampa**. Il-kontijiet Twitter u LinkedIn (bil-Franċiż u bl-Ingliż) tal-Qorti tal-Ġustizzja ntużaw sabiex jingħataw aħbarijiet dwar il-Qorti tal-Ġustizzja: intbagħtu **668 messaġġ fuq Twitter** għall-informazzjoni tas-segwaċi. Dawn il-messaġġi kienu intiżi b'mod partikolari, minn naħa, sabiex tingħied l-attenzjoni fuq il-kawżi prinċipali ttrattati fil-ġimgħa ta' wara u, min-naħa l-oħra, sabiex jiġu kkomunikati l-istqarrijiet għall-istampa ppubblikati.

L-organizzazzjoni taż-żjarat hija attività importanti għall-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-politika ta' trasparenza tagħha u ta' diffużjoni tal-għarfien fir-rigward mhux biss tal-professionisti legali u tal-istudenti tal-liġi, iżda wkoll fir-rigward taċ-ċittadini Ewropej. Il-miżuri sanitarji introdotti b'effett minn Marzu 2020 waqqfu l-organizzazzjoni ta' tali żjarat u l-akkoljenza tal-viżitaturi. Għalkemm in-numri globali – **127 grupp għal total ta' 3 729 viżitatur** – huma inevitabbilment inqas minn dawk tas-snin preċedenti (18 099 persuna fl-2019), il-Qorti tal-Ġustizzja rnexxielha għal darba oħra ssib mezzi ġodda sabiex tagħmel il-bini tagħha u l-attivitajiet tagħha aċċessibbli mill-bogħod. B'hekk, hija pproponiet laqgħat fuq pjattaformi diġitali mal-membri tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja li jippermettu [żjara virtwali tal-kumplex tal-bini tal-Palazz](#), kif ukoll seminars fuq l-internet organizzati skont il-bżonn fuq jumejn, bil-parteċipazzjoni ta' Membri, référendaires u amministraturi tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-kuntest ta' dawn is-seminars fuq l-internet, **798 persuna** ngħataw preżentazzjonijiet fil-kuntest ta' **21 żjara virtwali**.




Il-Qorti tal-Ġustizzja, permezz tad-Direttorat tal-Komunikazzjoni, ħarġet **173 stqarrija għall-istampa** (b'total ta' **2 292 verżjoni lingwistika**) sabiex tinforma lill-professionisti u lill-pubbliku ġenerali (**3 366 destinatarju** huma rreġistrati fil-listi għal komunikazzjoni b'ittra elettronika) dwar id-deċiżjonijiet tagħha kif ukoll dwar l-avvenimenti notevoli fil-ħajja tal-istitutzzjoni. Is-sit [curia.europa.eu](http://curia.europa.eu) rċieva iktar minn **6.6 miljuni żjarat** u **ġew ikkonsultati iktar minn 27 miljun paġna**.

L-istitutzzjoni kompliet tkun preżenti fuq in-networks soċjali u ħarġet **702 tweet fuq Twitter** permezz taż-żewġ kontijiet tagħha bil-Franċiż u bl-Ingliż. Ġew ippubblikati wkoll **273 messaġġ fuq LinkedIn**.

Fid-dawl tal-impossibiltà li jiġu organizzati laqgħat bi preżenza fiżika bħall-ġurnata "bibien miftuħa" annwali, ġie deċiż li l-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali jintużaw sabiex il-pubbliku mad-dinja kollha jkun jista' jiskopri l-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja. B'hekk, ġew organizzati **tliet avvenimenti virtwali** esklużivament fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali fl-okkażjoni ta' **Jum l-Ewropa** (9 ta' Mejju), il-**Jum Ewropew tal-Ġustizzja** (24 ta' Ottubru) u l-**anniversarju tal-ewwel installazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja** (4 ta' Diċembru): preżentazzjonijiet ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, animazzjonijiet dwar ċerti temi tal-ġurisprudenza, sessjonijiet għal mistoqsijiet. B'konsegwenza, b'mod partikolari, ta' dawn l-avvenimenti, in-numru ta' segwaċi tal-Qorti tal-Ġustizzja ma waqafx jiżdied matul is-sena u qabeż id-**90 000 segwaċi fuq LinkedIn** u l-**100 000 segwaċi fuq Twitter**. Dawn it-tliet avvenimenti ġġeneraw **1 713 000 impressjoni** (numru ta' drabi li l-utenti raw it-tweet) **fuq Twitter** u **258 000 fuq LinkedIn**.

Fl-istess ħin, ġew organizzati **punti ta' kuntatt għall-istampa fuq l-internet** iddedikati għal aħbarijiet proċedurali u intiżi għall-ġurnalisti. Fil-kuntest ta' dawn il-11-il punt ta' kuntatt għall-istampa ġew ikkuntattjati **94 ġurnalist**.



ġew ippubblikati

**173**

stqarrija għall-istampa

**2 292**

verżjoni lingwistika.



**702**

messaġġi ppubblikati permezz ta' Twitter u



**273**

messaġġ fuq LinkedIn

# 17 174

talba għal  
informazzjoni min-  
naħa taċ-ċittadini

Konformement mal-leġiżlazzjoni applikabbli, il-Qorti tal-Ġustizzja tat **aċċess għad-dokumenti amministrattivi** tagħha u għall-**arkivji storiċi** tagħha, fil-kuntest ta' **103 talbiet**. Il-Qorti tal-Ġustizzja wiegħbet ukoll għal **17 174 talba għal informazzjoni** min-naħa taċ-ċittadini kemm dwar il-kawżi pendenti kif ukoll dwar il-ġurisprudenza, il-funzjonament tal-Qorti tal-Ġustizzja jew il-kompetenzi tagħha.

Fl-aħħar nett, in-Netwerk Ġudizzjarju tal-Unjoni Ewropea, maħluq f'Marzu 2017 fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tat-Trattati ta' Ruma u li jiġbor fi ħdanu l-qrati kostituzzjonali u supremi tal-Istati Membri, iltaqa' diversi drabi permezz ta' vidjokonferenza fil-kuntest ta' żewġ gruppi tematiċi "Innovazzjoni" u "Terminoloġija legali". Dawn il-laqgħat serew bħala kuntest għal skambju ta' informazzjoni dwar l-użu ta' teknoloġiji ġodda insostenn tal-attività ġudizzjarja u għal kondiviżjoni ta' riżorsi ta' traduzzjoni li jistgħu jintużaw mill-qrati nazzjonali.









## Il-kontribut tad-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu għall-kontinwiżtà tal-funzjonament tal-istituzzjoni



### Minn Thierry Lefèvre, Direttur Ġenerali tal-Multilingwiżmu

Il-multilingwiżmu għandu rwol ċentrali għall-iżvolġiment tal-proċeduri ġudizzjarji quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Li kieku dan ma kienx hekk, iċ-ċittadini ma jkunx jista' jkollu aċċess għall-ġustizzja Ewropea u għall-ġurisprudenza, minkejja li din tagħti lok għal drittijiet u obbligi. B'hekk, meta affaċċat bl-emerġenza brutali tal-kriżi sanitarja, id-Direttorat Ġenerali tal-Multilingwiżmu (id-DĠM) kellu jiżgura l-missjoni fdata lilu filwaqt li jhars is-sigurtà tal-membri tal-persunal.

Fil-prattika, filwaqt li l-pandemija kompliet tinfirex, l-ewwel xhur tas-sena għaddew mingħajr diffikultà. Sa mill-aħħar ta' Frar, id-DĠM attiva ċ-ċellola operattiva ta' kriżi u beda jikkunsidra l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kontinwiżtà tiegħu, b'koordinazzjoni mill-qrib mad-dipartimenti l-oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja u mal-uffiċċji tal-Imħallfin u tal-Avukati Ġenerali.

Fit-13 ta' Marzu, tliet ijiem qabel il-lockdown nazzjonali, il-membri kollha tal-persunal ġew informati li kien ser ikollhom joħorġu mill-bini tal-Qorti tal-Ġustizzja. Il-prijorità assoluta ngħatat lill-protezzjoni sanitarja tal-kollegi u lill-prevenzjoni tat-tixrid tal-virus. Ladarba ġie żgurat dan l-għan doppju, kien l-għan tal-kontinwiżtà tas-servizz li ggwida l-azzjoni tad-DĠM. Jekk l-isfida inizjali kienet marbuta mal-aġilità u mal-kreattività meħtieġa sabiex jiġu ġestiti l-aspetti speċifiċi ta' din il-kriżi, wara kien meħtieġ sforz fit-tul minħabba t-tul mhux mistenni, li barra minn hekk għadu ma huwiex ċert, ta' din il-kriżi.

Fir-rigward speċifikament tat-traduzzjoni legali, l-għanijiet kollettivi kif ukoll individwali ħadu inkunsiderazzjoni, inizjalment, il-lockdown u, meta kienet titlob is-sitwazzjoni, is-sitwazzjoni personali tal-membri tal-persunal tad-Direttorat Ġenerali (iżolament, tfal id-dar, tagħmir tal-informatika, eċċ.). Il-kriżi kellha portata ġenerali u l-persjoni provviżorja fuq il-kapaċità għet ikkumpensata permezz ta' tnaqqis fid-domanda għal traduzzjonijiet. Gradwalment, il-miżuri organizzattivi u l-isforz ta' kulħadd, flimkien mal-vantaġġi misluta minn investiment kontinwu f'teknoloġiji ġodda u f'esternalizzazzjoni ottimizata, ippermettew li terġa' tiġi stabbilita l-kapaċità ta' produzzjoni. Ta' min jingħad li l-kontinwiżtà tas-servizz fl-ebda mument ma kienet kompromessa.

Fir-rigward tal-interpretazzjoni, il-kwistjoni tal-kontinwiżtà kellha aspetti differenti. Fil-fatt, is-seduti kollhom jiġu annullati jew posposti għal data sussegwenti għall-25 ta' Mejju. Għaldaqstant, il-perijodu bejn it-13 ta' Marzu u l-25 ta' Mejju ntuża sabiex jiġi stabbilit protokoll għas-seduti, intiż li jiżgura s-sigurtà sanitarja tal-atturi kollha. Dan kien jinvolvi miżuri bħal, pereżempju, il-limitazzjoni fl-okkupazzjoni ta' kull kabina ta' interpretazzjoni għal interpretu wieħed. Barra minn hekk, fid-dawl tad-diffikultajiet marbuta mal-ivvjaġġar li kienu għadhom qegħdin jaffaċċaw ir-rappreżentanti tal-partijiet, għet implimentata sistema għall-parteċipazzjoni fis-seduti mill-bogħod. Dan ippermetta li jiġi evitat il-posponiment ta' numru kbir ta' seduti. Din in-noviżtà kienet tirrappreżenta sfida teknika, konjittiva u organizzattiva kbira, li d-DĠM affaċċa b'suċċess (ara l-pp. 15 u 74-76). Fl-aħħar nett, id-dipartiment tal-interpretazzjoni adatta ruħu wkoll għall-waqfien fis-seduti billi ffoka fuq diversi kompiti marbuta mat-taħriġ u mal-perfezzjonament professjonali (korsijiet tal-lingwi, eżerċizzji ta' interpretazzjoni u skambji lingwistiċi fuq l-internet), kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-professjoni ta' interpretu fil-qasam tad-dritt (seminars fuq l-internet u sessjonijiet ta' taħriġ lingwistiku).

B'hekk, id-DĠM appropfita mill-impenn u mis-sens ta' responsabbiltà muri mill-membri tal-persunal tiegħu, mill-għajjuna reċiproka u mill-kontribut determinanti ta' teknoloġiji ġodda sabiex jorganizza l-kontinwiżtà tas-servizzi ta' traduzzjoni legali u ta' interpretazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-kapaċità ta' adattament tad-DĠM għet riflessa fid-diġitalizzazzjoni tal-flussi, fl-organizzazzjoni ta' taħriġ u ta' laqgħat mill-bogħod, inkluż sabiex tinżamm ċerta ħbiberija u kuntatt soċjali indispensabbli għall-benesseri ta' kulħadd, u politika ta' informazzjoni regolari tal-membri tal-persunal permezz ta' ittri elettroniċi mid-Direttur Ġenerali jew ta' ittri b'informazzjoni.

Ir-riżultat huwa riflessjoni tal-isforzi magħmula. Fil-fatt, fl-2020, u bis-saħħa tal-impenn muri mill-atturi kollha, is-seduti għas-sottomissjonijiet orali ppjanati setgħu jiġu interpretati u t-traduzzjonijiet meħtieġa setgħu jitwettqu. B'hekk, il-multilingwiżmu komplet seta' jiġi żgurat, fl-interess kemm tal-partijiet quddiem il-qorti kif ukoll taċ-ċittadini, b'mod kważi normali matul din is-sena tant diffiċli għal kulħadd.



## It-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-isfida ppreżentata mill-pandemija



### Minn Raluca Peica, Direttriċi tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni

Is-sena 2020 ser tibqa', għad-Direttorat tat-Teknoloġiji tal-Infommazzjoni (id-DTI), sena kkaratterizzata minn bżonn ta' reattività u ta' adattament eċċezzjonali, li jagħmel din is-sena waħda storika.

Hekk kif tħabbar li kulħadd kellu jaħdem mid-dar, il-prijorità prinċipali kienet li d-dipartimenti tal-Qorti tal-Ġustizzja jingħataw il-possibbiltà li jkomplu jaħdmu bl-iktar mod effettiv possibbli minkejja l-kuntest ta' lockdown.

Qabel l-adozzjoni tal-ordni, mogħtija fit-13 ta' Marzu 2020 lill-persunal, li x-xogħol għandu jittwettaq mid-dar, aħna konna diġà tajna lit-timijiet li joffru assistenza t-tagħmir meħtieġ sabiex iwiegħbu t-telefonati mid-dar tagħhom. B'mod antiċipat, diversi jiem qabel id-deċiżjoni li jiġi ġġeneralizzat ix-xogħol mid-dar għall-membri kollha tal-persunal tal-Qorti tal-Ġustizzja, nofs il-membri tal-persunal tal-help desk kienu diġà qegħdin jaħdmu mid-dar, u b'hekk konna f'pożizzjoni li nivverifikaw li l-assistenza kienet tiffunzjona tajjeb fil-kuntest tax-xogħol mid-dar u kienet lesta tgħin lill-utenti li kellhom jibdli l-post tax-xogħol tagħhom mil-lum għal għada. Sabiex l-utenti kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja seta' jkollhom kompjuter tax-xogħol li jippermettilhom jaħdmu mid-dar daqslikieku qegħdin l-uffiċċju, ħaffifna, sa minn Frar, il-programm ta' mobbiltà li kien diġà għaddej u tajna tagħmir lil dawk kollha li ma kienx għad għandhom it-tagħmir neċessarju.


Ftit jiem wara li beda l-lockdown, żidna b'10 darbiet il-kapaċità tal-linji tal-internet tagħna sabiex naqdu ż-żieda fenomenali fil-bżonnijiet ta' konnessjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u barra. Dan seta' jsir bis-saħħa tal-isforz tad-dipartimenti involuti, li għamlu minn kollox sabiex din l-operazzjoni twettqet fi żmien qasir ħafna.

Il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni kienu l-prinċipji li ggwidaw l-attività tagħna matul il-kriżi marbuta mal-Covid-19, kemm għax-xogħol għudizzjarju u kemm għax-xogħol amministrattiv, internament u esternament. L-iktar proġetti viżibbli huma s-servizz il-ġdid ta' vidjokonferenza sigura, li ppermetta l-organizzazzjoni ta' deliberazzjonijiet u ta' konferenzi tal-awli (15 fil-ġimgħa) kif ukoll tal-laqgħat tad-direttorati tal-istituzzjoni (150 fil-ġimgħa). Dan is-servizz ippermetta wkoll lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali jżommu 77 seduta b'partijiet li jipparteċipaw mill-boġħod.

Il-kriżi tal-Covid-19 ma ħolqitx biss sfidi iżda tatna wkoll l-opportunità nħaffu t-trasformazzjoni diġitali li kienet diġà nbdiet fi ħdan l-istituzzjoni. B'hekk, wara li inizjalment iffokajna r-riżorsi tagħna fuq l-istabbiltà tas-servizzi tal-informatika u tat-telekomunikazzjoni fil-kuntest tal-kriżi, aħna komplejna bl-attivitàjiet u bil-proġetti l-oħra tagħna b'ritmu normali, filwaqt li adattajnihom għall-ħtiġijiet il-ġodda maħluqa mill-kriżi, bħal pereżempju t-tiżiħ tal-awtonomija tal-utenti fir-rigward tal-għodda għax-xogħol mid-dar. Minkejja s-sitwazzjoni ta' kriżi, aħna komplejna bix-xogħol tagħna fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali, b'mod partikolari fil-kuntest tat-tmexxija tal-proġett ta' sistema integrata għall-ġestjoni tal-kawżi (SIGA), kif ukoll fir-rigward tal-programmi ta' stabbiltà operattiva.

B'hekk, għad-DTI, is-sena 2020 ma kinitx sena fejn żamm l-istatus quo iżda kienet sena ta' adattament u ta' żvilupp.







# 4

---

**Istituzzjoni**  
**li tirrispetta**  
**l-ambjent**

## Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ilha għal diversi snin issegwi politika ambjentali ambizzjuża, intiża li tissodisfa l-iktar regoli eżiġenti fil-qasam tal-iżvilupp sostenibbli u tal-preżervazzjoni tal-ambjent.

Bħal kull sena, l-Istituzzjoni tagħti rendikont tal-evoluzzjoni tal-iktar indikaturi reċenti għad-dispożizzjoni tagħha, jiġifieri dawk tas-sena 2019. Min-naħa tagħha, is-sena 2020 ser tkun sena partikolari minħabba l-impatt tax-xogħol mid-dar b'mod iġġeneralizzat fuq l-impatt ambjentali tal-istituzzjoni. Din ser tiġi indirizzata fil-Panorama 2021.

It-tmexxija tal-proġetti immobiljari tal-istituzzjoni, kif ukoll il-ġestjoni ta' kuljum tal-mezzi u tal-għodda mqegħda għad-dispożizzjoni tagħha huma rregolati minn din ix-xewqa kostanti ta' rispett tal-ambjent, kif tixhed il-kisba tar-**reġistrazzjoni EMAS** (Eco-Management and Audit Scheme) fl-2016.

Ir-**reġistrazzjoni EMAS**, maħluqa permezz ta' regolament Ewropew u mogħtija lill-organizzazzjonijiet li jissodisfaw rekwiżiti stretti marbuta mal-politika ambjentali tagħhom u mal-isforzi tagħhom favur il-preżervazzjoni tal-ambjent u l-iżvilupp sostenibbli, hija b'hekk rikonoxximent ekoloġiku qawwi tal-impenn ambjentali tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-prestazzjonijiet ambjentali għolja miksuba.


Fid-**Dikjarazzjoni ambjentali annwali** tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja tagħti bilanċ iddettaljat tal-prestazzjoni ambjentali u tal-proġetti ekoloġiċi attwali u futuri fi ħdan l-istituzzjoni.

Permezz ta' **formula ta' taħriġ online**, il-Qorti tal-Ġustizzja tindirizza ruħha lill-membri tal-persunal il-ġodda kollha sabiex tinformahom bl-aspetti ambjentali tax-xogħol ta' kuljum tagħhom, billi tissuġġerixxi prattiki korretti mill-perspettiva informatika u tal-uffiċċju, tal-użu enerġetiku, tal-ilma u tat-trattament tal-iskart, kif ukoll iċ-ċaqliq tagħhom.

Fost l-azzjonijiet konkreti, il-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet għaliha nnifisha l-għan li, matul is-sena, twaqqaf kompletament l-użu ta' **fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss** fl-awli fejn jinżammu s-seduti, id-deliberazzjonijiet u l-laqgħat. F'Novembru 2020, hija waqqfet l-ordnijiet għal tali fliexken.

L-**applikazzjoni "e-Curia"** (ara l-p. 24) għall-iskambju tad-dokumenti ġudizzjarji bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-qrati tal-Unjoni għandha impatt ambjentali pożittiv. Bħala eżempju, li kieku l-paġni kollha tal-atti proċedurali mibgħuta lill-Qorti tal-Ġustizzja u lill-Qorti Ġenerali permezz ta' e-Curia fl-2020 (iktar minn 1 300 000 paġna) kellhom jiġu ppreżentati fuq karta flimkien ma' diversi kopji tagħhom, dan kien jiġġenera l-produzzjoni ta' diversi tunnelli ta' karti, li, barra minn hekk, kien ikollhom jinġarru fiżikament sal-Lussemburgu.





**L-ekwivalenti full-time (ETP)** hija unità ta' kejl li tippermetti li titkejjel l-attività professjonali b'mod indipendenti mid-differenzi f'termini ta' numru ta' sigħat ta' xogħol fil-ġimgħa ta' kull membru tal-persunal, minħabba arranġamenti differenti ta' xogħol.

L-**indikaturi ambjentali** għall-ilma, għall-iskart, għall-karta u għall-elettriku jikkorrispondu għal dawk tas-sena 2019. Il-varjazzjonijiet għandhom ċifra mqabbla mal-2015, is-sena ta' riferiment.







5

---

**Ħarsa lejn  
il-futur**

Wara l-bidliet li għaddiet minnhom l-istituzzjoni fl-2020, is-sena 2021 hija mistennija li tkun sena li fiha jitkomplew il-proġetti pendenti li jintegraw fihom l-innovazzjonijiet li jirriżultaw mill-esperjenza tax-xogħol mid-dar fil-kuntest ta' ritorn progressiv lejn modalitajiet ta' xogħol bi preżenza fiżika ikbar.

Fil-kuntest tad-diġitalizzazzjoni, tas-semplifikazzjoni u tar-razzjonalizzazzjoni tal-flussi ta' dokumenti u ta' deċiżjonijiet, proġett ta' sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi, li l-proċedura għall-għoti ta' kuntratt pubbliku fir-rigward tiegħu ntemmet fl-2020, ser ikun is-suġġett ta' żviluppi sinjifikattivi bil-għan li jiġi implimentat b'mod li jippermetti titjib ta' effettività kunsiderevoli kemm għall-qrati kif ukoll għad-dipartimenti involuti fit-trattament tal-kawżi.

L-elementi pożittivi misluta mill-esperjenza ta' xogħol mid-dar b'mod iġġeneralizzat, ikkonstatati b'mod partikolari fil-kuntest ta' s'f'harrig imwettaq mill-persunal u mill-kapijiet ta' dipartiment, ser ikunu s-suġġett ta' riflessjoni globali relattivi għall-modalitajiet konkreti dwar l-eżerċizzju parzjali tal-kompiti mid-dar. Dawn il-bidliet għandhom jintegraw kunsiderazzjonijiet marbuta mal-bilanċ bejn il-ħajja professjonali u l-ħajja privata, mal-inkoraġġiment tal-awtonomija tal-kollaboraturi bil-għan li jittejjbu kemm il-benesseri tal-persunal kif ukoll il-kwalità tal-prestazzjonijiet mogħtija, kif ukoll mal-mezzi sabiex f'dan il-kuntest jiġu żgurati l-koerenza tal-membri tal-persunal u l-iżvilupp tar-relazzjoni tagħhom mal-Istituzzjoni.

It-teknoloġiji dwar il-preżenza virtwali, użati b'mod intensiv fl-2020, ser iservu ta' bażi għal proġett ta' diversifikazzjoni tal-offerta ta' akkoljenza għal viżitaturi. Dan il-proġett huwa intiż li joffri lill-viżitaturi esterni li għalihom il-vjaġġ lejn il-Lussemburgu jikkostitwixxi ostakolu għall-iskoperta tal-Qorti tal-Ġustizzja (b'mod partikolari minħabba d-distanza ġeografika, li għandha impatt f'termini ta' ħin u ta' spejjeż, inklużi ekoloġiċi) il-possibbiltà li jżuru virtwalment il-bini tal-istituzzjoni sabiex jipparteċipaw fi żjara mill-bogħod. Il-programm propost ser jinkludi sekwenzi ta' videos, żjara bi gwida madwar il-bini kif ukoll laqgħat interattivi mal-membri tal-persunal tal-istituzzjoni. Permezz ta' dan il-programm ta' żjara mill-bogħod, l-istituzzjoni tixtieq toffri lill-ikbar numru possibbli ta' persuni l-mezzi sabiex isiru jafu bir-rwol tagħha fi ħdan is-sistema istituzzjonali Ewropea u bil-kontribut tagħha lill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, fit-tfittxija ta' għan demokratiku. Inizjalment, fl-2021 ser titniehed fażi ta' prova b'numru limitat ta' gruppi b'pubbliku ta' età żgħira (15 sa 18-il sena), qabel ma l-offerta tiġi estiża u adattata għal tipi oħra ta' pubbliku.







6

---

**Nibqgħu**  
**konnessi**

---

## IDĦOL FIL-PORTAL TA' TIFTIX TAL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA U TAL-QORTI ĠENERALI PERMEZZ TAS-SIT CURIA:

---



[curia.europa.eu](http://curia.europa.eu)



---

### SEGWI L-ATTWALITÀ ĠURISPRUDENZJALI U ISTITUZZJONALI

---



- billi tikkonsulta l-[istqarrijiet għall-istampa](http://curia.europa.eu/jcms/PressRelease)  
curia.europa.eu/jcms/PressRelease
- billi tabbona fir-[RSS](http://curia.europa.eu/jcms/RSS) tal-Qorti tal-Ġustizzja  
curia.europa.eu/jcms/RSS
- billi ssegwi l-kont Twitter tal-istituzzjoni: [CourUEPresse](https://twitter.com/CourUEPresse) jew [eucourtpress](https://twitter.com/eucourtpress)
- billi ssegwi l-kont [LinkedIn](https://www.linkedin.com/company/european-court-of-justice)  
<https://www.linkedin.com/company/european-court-of-justice>
- billi tniżżel l-App CVRIA għal smartphones u tablets
- billi tikkonsulta l-[Ġabra tal-ġurisprudenza](http://curia.europa.eu/jcms/EuropeanCourtReports)  
curia.europa.eu/jcms/EuropeanCourtReports



---

### SABIEX ISSIR TAF IKTAR FUQ L-ATTIVITÀ TAL-ISTITUZZJONI:

---

- ikkonsulta l-paġna dwar ir-[Rapport Annwali 2020](http://curia.europa.eu/jcms/AnnualReport):  
curia.europa.eu/jcms/AnnualReport
  - **Panorama tas-sena**
  - **Rapport dwar l-attività ġudizzjarja**
  - **Rapport ta' ġestjoni**
- ara l-[animazzjonijiet fuq YouTube](https://www.youtube.com/watch?v=...)



## IDHOĠ FID-DOKUMENTI TAL-ISTITUZZJONI:

- I-**arkivji storiċi**  
[curia.europa.eu/jcms/archive](https://curia.europa.eu/jcms/archive)
- id-**dokumenti amministrattivi**  
[curia.europa.eu/jcms/documents](https://curia.europa.eu/jcms/documents)




## ŻUR IS-SEDE TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA:

- L-istituzzjoni toffri lill-partijiet interessati programmi ta' żjarat imfassla b'mod speċifiku skont l-interess ta' kull grupp (smiġħ ta' seduta, żjara ggwidata tal-bini jew tax-xogħlijiet tal-arti, żjara ta' studju):  
[curia.europa.eu/jcms/visits](https://curia.europa.eu/jcms/visits)
- Permezz taż-**żjara virtwali tal-bini**, tkun tista' wkoll ittir fuq il-kumplex tal-bini u tidhoġ fih mingħajr ma tiċċaqlaq minn fejn int:  
<https://curia.europa.eu/visit360/>



## GĦAL KULL INFORMAZZJONI DWAR L-ISTITUZZJONI:

- iktbilna permezz tal-**formola ta' kuntatt**:  
[curia.europa.eu/jcms/contact](https://curia.europa.eu/jcms/contact)





## IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA  
L-2925 LUXEMBOURG  
TEL. +352 4303 -1

IL-QORTI ĠENERALI  
L-2925 LUXEMBOURG  
TEL. +352 4303 -1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: [curia.europa.eu](http://curia.europa.eu)

Test miktub f'Marzu 2021

Data vverifikata sal-31 ta' Diċembru 2020

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li taġixxi f'isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn fuq.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea,  
Direttorat tal-Komunikazzjoni  
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi tal-Komunikazzjoni Elettroniċi

Ritratti: © Unjoni Ewropea, 2019-2021

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors

Kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew ta' dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

Print	QD-AQ-20-101-MT-C	ISBN 978-92-829-3705-1	ISSN 2467-1460	doi:10.2862/82089
PDF	QD-AQ-20-101-MT-N	ISBN 978-92-829-3589-7	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/05700
HTML	QD-AQ-20-101-MT-Q	ISBN 978-92-829-3564-4	ISSN 2467-169X	doi:10.2862/564636











IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA  
TAL-UNJONI EWROPEA

---

Direttorat tal-Komunikazzjoni  
Unità tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja Elettronika

April 2021

